**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

***Kumpilazzjoni Nru. 123/2020***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**-vs-**

**Jomic Calleja Maatouk, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 565185M.**

**Illum**: 4 ta' Lulju, 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jomic Calleja Maatouk** u ċioe` talli nhar it-28 ta' Awwissu 2019 u fix-xhur ta' qabel f'Malta:[1]

1. Assoċja ruħu ma persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija cioe li jdaħħal jew prova jdaħħal f'Malta porvli tal-isparar jew esplożivi oħra, mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' Artikolu 48A(1) tal-Kodiċi Kriminali u Artikolu 3(1) ta' l-Ordinanza dwar l-Esplożivi, Kap.33 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel delitt cioe li jdaħħal f'Malta porvli tal-isparar jew esplożivi oħra, mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u taha bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u dan bi ksur ta' Artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u Artikolu 3(1) ta' l-Ordinanza dwar l-Esplożivi.

[1] Fol.739 et seq. Vide 737-738

Ukoll talli nhar 12 ta' Jannar 2018 u fix-xhur ta' qabel f'Malta:

3. B'wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 179 tal-Kodiċi Kriminali (cioe b'firem foloz jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi daħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra), wara li jkunu ġa iffurmati jew magħluqa, għamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli u dan bi ksur ta' Artikolu 187 (1) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement għamel użu mill-istess skrittura privata u dan bi ksur ta Artikolu 187 (2) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

5. U aktar talli naqas li jħares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati, Dr. Neville Camilleri LL.D. b'digriet datat 18 ta' Ottubru 2016, kif ukoll digriet ieħor mogħti nhar it-2 ta' Novembru 2016, u digriet/i oħra sussegwenti, li bihom huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest fuq diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan bi ksur tal-Artiklu 579(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jitħassru.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra L-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif kontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[2] u li l-imputat m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[3]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

---

[2] **Dok.OZ** a fol.8

[3] Fol.7. Vide ukoll fol.742

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.[4]

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

I. Assoċjazzjoni u Tentattiv fl-Importazzjoni ta' Splussiv: Imputazzjonijiet Numru Wieħed u Tnejn

L-ewwel żewġ imputazzjonijiet ser jiġu konsidrati flimkien hekk kif il-Qorti ser tgħaddi biex tevalwa l-provi mressqa in sostenn tagħhom flimkien u dan minħabba ir-rabta ta' bejniethom.

*Preliminari*

1. Tenut kont li dan il-każ hu msejjes fuq *controlled delivery* awtorizzata mill-Avukat Ġenerali **mill-ewwel** qed issir riferenza għal din l-awtorizzazzjoni li ġiet esibita mill-Ispettur Omar Zammit u li hi datata nhar l-14 t'Awissu, 2019, liema awtorizzazzjoni ingħatat ai termini tal-artikolu 435E tal-Kodiċi Kriminali.[5]

2. Nhar it-2 ta' Lulju 2020, din il-Qorti ikkonfermat il-ħatra tal-esperti nominati fil-proċediment **Il-Pulizija vs Jomic Calleja** pendenti quddiem il-Maġistrat Dr. Doreen Clarke kif ukoll l-esperti nominati fl-inkjesta tal-Maġistrat Dr. Josette Demicoli rigward sejba ta' sustanza maħsuba *cannabis grass* f'Birkirkara nhar is-27 t'Awissu, 2019 fejn *inter alia* ġew maħtura l-esperti Tim Losito u Keith Cutajar.

Għalhekk ma għandu jkun hemm ebda dubbju dwar ir-rilevanza tax-xiehda tal-esperti Cutajar u Losito ai fini ta' dan il-proċediment.

Iktar minn hekk, l-espert Cutajar ingħata l-inkarigu speċifiku anke minn din il-Qorti biex janalizza apparat esibit f'dawk il-proċeduri nhar il-15 ta' Lulju, 2020[6] u senjatament l-apparat kollu msemmi w elenkat fir-relazzjoni ta' Tim Losito.[7]

---

[4] Fol.1184 et seq
[5] **Dok.OZAG** a fol.433
[6] Fol.757
[7] Fol.781 li tirreferi għal **Dok.DF**

3. *Apparat Elettroniku*

**Ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali Maria Dolores Fenech**[8] esebiet kopja tax-xiehda li ngħatat quddiem din il-Qorti diversament preseduta fil-proċediment **Il-Pulizija vs Jomic Calleja** quddiem il-Maġistrat Dr. Doreen Clarke. Din id-dokumentazzjoni tinkludi ir-rapport magħmul mill-espert Tim Losito[9] kif ukoll ix-xiehda li Losito taha fil-kawża quddiem il-Maġistrat Clarke fit-22 ta' Jannar 2020.[10]Losito xehed li kien inkarigat jagħmel *extraction* tad-*data* u jagħti pariri x'kellu jsir biex id-*data* tiġi preservata mingħajr qatt ma kien inkarigat janalizzaha u ċioe *"to leave the devices powered on and not to shut them off... then the devices were brought to me for extraction".*[11]. Mill-apparat li twassal lilu *"hand carried by Maltese authorities to my laboratory"*[12], kien biss Xiaomi *cellular phone* u Ipad li ma setgħetx issir *extraction* tagħhom.[13] Fenech esebiet ukoll wkoll rapport tal-espert Keith Cutajar[14] preżentat fl-istess proċediment li sar wara inkarigu tal-Maġistrat Inkwirenti Dr. Josette Demicoli.

Ix-xhud esebiet formalment ukoll lista ta' apparat elettroniku li kien ġie elevat fil-kors ta' tfittxijiet kondotti mill-pulizija, esibiti fl-istess proċediment.[15] Lista oħra komprensiva tal-apparat kollu li jissemma fir-rapport tal-espert Losito ġiet ukoll esibita bil-għan li dan l-apparat kollu jiġi esibit bħala prova ammissibbli f'dawn il-proċeduri.[16] Aktar il-quddiem[17] ġew esibiti għal darba oħra formalment, l-apparat elenkat fir-rapport ta' Losito[18] li kienu ġa ġew esibiti mir-Reġistratur tal-Qorti f'seduta preċedenti.[19] F'din is-seduta ġie osservat li l-apparat Pro SNCO2VH3 hu *tablet, Apple Ipad.*[20] Dan jiġi konfermat minn **Stefania Calafato Testa** li kjarifikat li PC04 ġie erronjament deskritt bħala Apple Macbook meta suppost kellu jiġi deskritt bħala *"MB01 Ipad A1876 bearing serial number OCYX3OY2K2RH".*[21]

---

[8] Fol.512 et seq

[9] **Dok.DF** a fol.514-516 (kompost minn **Dok.TL1** kif immarkat mill-Maġistrat Clarke a fol.520)

[10] Fol.517-524

[11] Fol.524

[12] Ibid.

[13] Fol.519

[14] **Dok.DF1** a fol. 525 et seq. Oriġinarjament immarkat **Dok.KC1** f'dik l-inkjesta, li llum tifforma parti mill-proċediment ieħor istitwit fil-konfront tal-imputat.

[15] **Dok.DF2: Dok.KA22/2020** a fol.575 kontenenti PC01 AppleMacbook, MB05 Xiaomi *cellphone* b' żewġ *simcards*.

[16] **Doc.DF3** a fol.589

[17] Fol.759

[18] A fol.514 et seq

[19] **Dok.DF3** a fol.589

[20] Fol.780

[21] Fol.874. **Dok.SCT a fol.876; KA22/20**

In segwitu tal-inkarigu mogħti minn din il-Qorti,[22] l-espert **Keith Cutajar** ippreżenta r-rapport tiegħu flimkien ma *hard drive* kontenenti id-data w l-informazzjoni li tissemma fir-rapport tiegħu.[23] Din l-evidenza, li ġiet analizzata mill-abbli espert, tirrigwarda l-apparat kollu tad-*devices* li, fi stadji varji, ġew preżentati fl-investigazzjoni fil-konfront ta' Calleja inkluż minn Tim Losito.[24]

4. *Fejn kien hemm "raw data" din ġiet reża leġibbli għal Qorti u Difiża*

B'digriet mogħti nhar is-27 ta' Marzu, 2023 il-Qorti ordnat lill-espert maħtur f'dawn il-proċeduri Keith Cutajar sabiex dawk il-partijiet li jinsabu esibiti bħala *raw data* fil-*hard drive* minnu esibita bħala **Dok.KCHD,**[25] prezentata minnu flimkien mar-rapport tiegħu nhar l-24 ta' Settembru 2020,[26] jiġu konvertiti f'data leġibbli għall-qorti w għad-difiża tenut kont li filwaqt li l-prosekuzzjoni setgħet faċilment taqra d-data kollha, peress li hi fil-pussess ta' programm appożitu "Cellbrite", il-Qorti ma kellhiex aċċess għal dan il-programm, kif lanqas irriżulta li kellha d-difiża.[27]

L-importanza tal-*hard drive* esibita minn Cutajar tinsab fil-fatt li, kif spjega hu stess meta din ġiet prezentata:, *"ghamilt rendikont u resumè tal-evidenza kollha li kienet qeghda fl-atti....f'dan il-process anke fl-inkjesta oriġinali l-evidenza ġiet submittjata fl-atti fi fażijiet differenti u jista' jkun hemm daqxejn ta' dizgwid fuq what belongs to what. Ghamilt resumè tal-istess evidenzxa bid-description flimkien mar-ritratti u kollox....issa qed nesebixxi Hard Drive 2 TB ....fiha r-riċerka kollha ta' dawn id-devices kollha qeghdin miġbura kollha ġewwa dan l-istess drive u kien hemm evidenza partikolari li ġiet esebita minn l-espert Losito li hu as such kemm ghamel immaging proċess, l-image innifisha ma pprocessahiex dik l-image inninfisha, jien ipprocessajtha biex tohrog id-data biex tkun tista tinqara l-istess parti."*[28]

Kien għalhekk li wara li semgħet lill-istess espert jassigura li kull ma kien ser jagħmel hu proċess biex jittrasforma data ġa esibita għal format leġibbli, fejn

[22] Fol.757. 15 ta' Lulju, 2020

[23] **Dok.KCR** a fol.880 et seq u **Dok.KCHD** a fol.926

[24] Fol.877

[25] Fol.926

[26] Rapport eżebit bħala **Dok.KCR** a fol.880 et seq. Xiehda a fol.877 et seq

[27] Fol.1253 et seq: *"....minflok ma din il-Qorti ser tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jipprovdi dan is-software hu, kwistjoni amministrattiva w loġistika li tippermetti qorti taqdi l-funzjoni tagħha iżda li ser tieħu żmien, ai termini tal-Artikolu 650(5) tal-Kodiċi Kriminali magħdud mal-artikolu 397(1) tal-Kodiċi, tordna lill-espert sabiex **in adepiment tal-inkarigu li kien mogħti lilu** fil-kors tal-proċeduri odjerni u senjatament fl-20 ta' Mejju 2020,[27] fit-2 ta' Lulju, 2020[27] (fejn anke ġie kkonfermat l-inkarigu tiegħu mogħti mill-Maġistrati Dr. D. Clarke u mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. J. Demicoli) u fil-15 ta' Lulju 2020,[27] **jirrendi dik l-informazzjoni[27] f' format leġibbli għal Qorti u għad-Difiża** tenut kont li hu kien dejjem inkarigat jipprovdi lil Qorti u lil Maġistrat Inkwirenti b'**analiżi** tad-dokumenti eżaminati minnu w mhux sempliċiment biex jagħmel estrazzjoni."*

[28] Fol.877

ma kienx ser jiġi miżjud xejn iżda sempliċiment informazzjoni fuq il-*hard drive* tiġi proċessata bl-użu tal-programm Cellbrite biex tinħareġ fi *"viewable format"*, ingħata l-imsemmi inkarigu anke biex is-sentenza tingħata fi żmien raġonevoli. Jispjega:

*"<u>fil-preżenza tal-partijiet</u> iċċekkjajna l-hard drive. Issa, biex nispjega ftit x'ġara u ma ġarax fil-kors ta' din l-extraction u l- analiżi, dan fis-search kienu nġabru numru ta' devices; dawk id-devices li kienu miftuħin jew setgħu jiġu proċessati, ġew proċessati normali u hemm kemm ir-raw data, biex insejħulha hekk id-data ones u zeros li fil-verità hija l-core, u anke l-process data li biha jista' just mingħajr ebda użu ta' xi programm speċifiku, double click, jiftaħ u jara. Issa, f'dawk id-devices li kienu ntbagħtu barra għall-unlock, jiġifieri kien hemm xi issues ta' pins and so on and so forth, meta preżentaw l-esperti Amerikani u li qegħdin anke ġo dik id-drive, ippreżentaw biss l-ewwel fażi, jiġifieri r-raw data. Issa, raġuni hija li normalment bħalma ħafna mid-drabi jsir, huma xogħolhom mhux li they go through the data they sift through it and so on and so forth, they just provide the unlocking services, biex insejħulhom hekk. Allura li ġara huwa li huma f'dak id-drive hemm biss ir-raw data. Li jrid isir huwa, kif spjegajt lill-partijiet li bażikament jiġi proċessat is-cellebrite biex jinħareġ a viewable format[29]. ...... X'inhu s-cellebrite huwa bażikament it-tool li nużaw ħafna mid- drabi fuq mobiles li jaqbad dik ir-raw data li jinħareġ minn mobile u jagħmel l-interpretazzjoni ta' x'inhi u ma hix, u tinħareġ PDF, images, and so on and so forth. Issa, irrid nagħmilha ċara illi: (1) id-data qiegħda ġod-drive, id-data qiegħda diġà ġod-drive, jiġifieri mhijiex ħa tiżdied data jew tinħareġ minnha xi data..... mhuwiex prova ġdida, jiġifieri pereżempju dan l-exercise kemm- il darba sar, jien naf, f'stadji qabel ġuri, kwistjoni biex niffaċilitaw il-viewing tagħha. Wieħed jista' jgħid, isma', tista' tinqara kif inhi, imma kull darba li ħa tiġi ikkwotat xi ħaġa, peress li it's raw, il- Qorti ħa jkollha bżonn xi espert tekniku li joqgħod idur il-ones u ż-zero u jinterpreta – qed nikkumplikaw id-dinja. Allura li nirrakkomanda huwa illi tiġi proċessata b'tali mod li l-istess data tiġi viewable b'mod easy mingħajr ebda intervent ulterjuri ta' xi espert and so on and so forth. Jidher mid-dokumentazzjoni anke u n-noti li kellu l-Ispettur li fil-verità n-naħa tal-pulizija sar l-istess proċess biex kellhom jaqrahom....... id-data qiegħda diġà hemm[30];..... Nagħmilha ċara, m'hemm xejn ġdid, id-data kollha qiegħda u ġiet ikkonfermata li kollha qiegħed diġà hemm id-data, just mhiex readable kif qiegħda bħalissa għax ovvjament hija raw."*[31] Sussegwentement dik id-data ġiet stampata w esibita mill-espert Cutajar.[32]

Meta xehed Cutajar reġa' tenna li *"fir-rapport stess iddokumentajt il-process u specifikajt fil-konkluzjoni li ahna nghidulha 'l-integrita' tad-data oriġinali baqghet li hi....li ghamilt huwa gibtha readable in an easier readable format"*.[33]

---

[29] Fol.1236
[30] Fol.1237-1238
[31] Fol.1239
[32] **Dok.Chats**, **Dok.Chats 1** u **Dok.Chats 2** a fol. 1257 et seq. Vol.V u Vol.VI tal-Atti
[33] Fol.1254

Madanakollu jiġi sottolinejat li dan l-aħħar rapport[34] ta' Cutajar w *chats* li esebixxa ma kellhom ebda rilevanza fuq l-mertu w il-Qorti **ma kellhiex għalfejn tirrikorri għalihom** fil-promulgazzjoni ta' din is-sentenza.

5. ***Dok.AGUSZ***[35]

Ir-risposta tal-awtoritajiet Amerikani ġiet mibgħuta fuq CD li tinsab esibita bħala **Dok.AGUSZ.**[36] Tali risposta segwiet talba għall-assistenza legali tal-24 t'April 2020[37] kif awtorizzata minn din il-Qorti nhar is-6 ta' Mejju, 2020.[38]

Il-Qorti stampat il-kontenut tas-CD liema dokumentazzjoni tinsab fl-aħħar tal-proċess għall-prattiċità.[39]

Dawn id-dokumenti li jikkonsistu f'erba (4) *folders*:

(i) 72477 FINAL PRODUCTION LETTER.pdf
(ii) EOD AFFIDAVIT
(iii) FedEx Tracking number info C4 parcel.pdf
(iv) **MLAT.zipx**.

**MLAT.zipx** huwa l-file li jikkontjeni d-data miksuba mid-*dark web* li oriġinarjament informazzjoni dwarha kienet wasslet għand l-awtoritajiet investigattivi Maltin bħala *intelligence* fejn sussegwentement skattat l-investigazzjoni dwar il-każ in deżamina.

Din ġiet immarkata **Dok.QK**[40]

**Il-Provi**

**Is-Supretendent George Cremona** iddeskriva f'dettal l-investigazzjonijiet żvolta mill-pulizija dwar dan il-każ. Minħabba l-importanza w dettalji partikolari li aktar il-quddiem ser jinġiebu provi dwarhom biex jissostanzjawhom, f'ċertu istanzi il-Qorti qed tirriproduċi *verbatim* ix-xiehda tas-Sur Cremona.

[34] Fol.1257 et seq
[35] Fol.820
[36] Fol.820
[37] Fol.88-93
[38] Fol.235
[39] **Dok.CD Printout**. Volum VII
[40] Vol.VII

Ghalkemm dan il-każ jirrigwarda l-importazzjoni tal-splussiv, aktar qabel l-imputat kien prova jakkwista u jimporta sustanzi noċivi (*poisons*). Dan anke jirrizulta mill-konversazzjoni li kellu mal-bejjiegħ meta kien biss wara li dan tal-aħħar informah li ma jinnegozjax f'veleni li l-konversazzjoni inqalbet fuq splussiv. Fl-*email* tat-30 ta' Lulju, 2019 jistaqsi *"Do you have poisons?".*[41]

Il-kommunikazzjoni rigward il-poisons ma kienitx laħqet intbagħtet mill-awtoritajiet Amerikani sakemm il-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha. Għalhekk din tibqa biss *intelligence* li wasslet lill-pulizija iżda kif juri l-*email* esibit m'hemmx dubbju li l-imputat kien qed jagħmel *enquiries* biex jimporta sustanzi li jissemmew mis-Supt. Cremona li kellu f'idejh dawn il-komunikazzjonijiet.

Għaldaqstant din l-informazzjoni isservi biss biex tagħti kuntest u fil-verità turi l-insistenza tal-imputat li jimporta materjal perikoluż li jwassal għal mewt, u meta ma wasalx fuq veleni għadda għal splussiv.

*(i)* <u>*Polonium 210, Ricin u Fentanyl*</u>

Fl-10 ta' Ġunju 2019, il-pulizija Maltija rċeviet *intelligence* li xi persuna jew persuni mhux magħrufa kienu qed jipprovaw jixtru l-Polonium 210, Ricin u Fentanyl minn fuq id-*Dark Web* u cioè l-website "*Berlusconi*". Il-polonium 210 huwa l-istess materjal li bih inqatel Livtencko fir-Renju Unit fl-2016. Fis-16 ta' Lulju 2019 wasslu aktar dettalji bħala *intelligence*: *"Bejn l-1 ta' Ġunju u t-8 ta' Ġunju 2019 bdew il-messaġġi fuq applikazzjoni "secure" u l-persuna li kienet qed tipprova tixtri kellha l-username <u>'unknown 893'</u> u <u>user '2F108X'</u> bil-messaġġ numru <u>#588451915e20.</u> L-istess intelligence indikaw ukoll li l-user 2F108X kienet bagħtet messaġġi lil tlett bejjiegħa fuq id-dark web u jistaqsi rigward il-Polonium 210, Ricin u Fetanynl. Fost il-mistoqsijiet li għamel kien hemm primarjament dawk dwar is-shipment. Il-user tal-account, jew kif aħjar imsejjaħ "moniker*[42] ***2F108X"****, staqsa minn fejn jintbaghat il-prodott bil-bejjiegh fuq in-naha l-oħra jwiegbu li hu qatt ma jikxfu s-sors …. minħabba s-sigurta' taghhom. Gie diskuss ukoll fhiex jintbaghat il-prodott, bil-bejjiegh iwiegeb illi l-prodott jintbaghat f'pakketti zghar mohbija bħal per ezempju 'bluetooth speakers' u jekk jghadduh mir-radiation scan dan ma jimmarkax. Wara ġie miftiehem bejn il-bejjiegħ u l-moniker li jekk iridu jkomplu ghaddejjin bid-diskussjoni taghhom għandhom imorru fuq chat <u>pgp</u> jew secured chat oħra u juza l-code Alpha sabiex jikkonferma li [huwa] hu, bix-xerrej jirringrazzja lill-bejjiegħ. Il-bejjiegħ irrisponda lix-xerrej fuq il-mistoqsija li kien ghamillu qabel li l-Polonium 210 huwa sustanza letali, letali b'alpha radiation u ma jaghmilx ħsara lill-gisem minn barra, izda jkun letali meta jigi ingerit u cioe' f'ġewwa tal-gisem. Il-bejjiegħ qallu li jekk dak li jkun*

---

[41] **Dok.QK1** a fol.6. *Email* tal-4:05pm

[42] *Nickname*/laqam

*jaghmlu jew mal-ikel jew max-xorb, fi zmien gimghatejn dak li jkun għandu jmut kawza ta' pneumonia. Qallu wkoll li l-Polonium 210 hadd ma hu ser jahseb fih ghax fih biss alpha radiation. Il-persuna li riedet tixtri, regghet staqsiet minn fejn jintbaghat il-prodott bil-venditur jgħidlu dak ma nistax nghidlek. Sussegwentement il-persuna interessata fil-Polonium 210 u cioe' x-xerrej wiegbu li sakemm il-prodott ikun gej mill-Unjoni Ewropeja mhux problema ghax ma jigix iccekjat. Ix-xerrej staqsa wkoll jekk il-Polonium 210 jinxtamx jew jittieghemx bil-venditur jirrispondi li le. Il-venditur staqsa lix-xerrej sabiex jindikalu t-tul u l-piz tal-persuna li jrid jehles minnha sabiex jikkalkulalu d-doza, bix-xerrej iwiegeb li ma jafx pero' li jaf zgur li huwa ragel. Ix-xerrej rega staqsa x'jiġri jekk il-persuna ma tiehux id-doza kollha, bil-bejjiegh jgħidlu li xorta tahdem, l-importanti hu li l-persuna tiehu kemm jista' jkun minnu. Ix-xerrej staqsa jekk il-bejjiegħ ghandux Fentanyl jew splussiv, b'dan tal-ahhar jgħidlu li f'dawk ma jiddiljax. Ix-xerrej rega' staqsa jekk jesportax mill-Unjoni Ewropeja u l-bejjiegħ qallu iva u li ma ghandux ghalfejn ihabbel mohhu. Ix-xerrej….bejn l-10 ta' Ġunju u l-24 ta' Ġunju 2019, rega' baghtlu messagg u qallu 'Brother' bix-xerrej jirrispondih lura li din il-gimgha hija very busy għalih u staqsieh jekk kienx lest li jagħmel l-ordni.*

*Ix-xerrej f'messaġġi li baghtlu wara, qallu li għandu bzonn 5 dozi ghalissa pero' zgur li jkollu bzonn aktar. Il-venditur irrispondih u qallu li għall-bidu ahjar jibda b'doza wahda peress li jekk jieħu 5 dozi u hames persuni jmutu f'daqqa iqajjem suspett u rega' talbu t-tul u l-piz tal-persuna. Ix-xerrej wiegbu li l-piz huwa bejn 55 u 65kg u t-tul bejn 165 u 175cm u staqsieh meta tkun lesta d-doza u l-prezz biex jipprocedu. Il-venditur qallu li kull doza tiswa hames mitt dollaru, pero' jirrangalu prezz jekk jerga jixtri u sabiex jaghtih gimgha cans biex jipprepara l-Polonium 210 gol-laboratorju. Kien hemm diversi messaġġi 'chats' fejn iddiskutew fuq il-protonmail u l-'b market'. Il-'b market' hija darkweb chat ukoll, bix-xerrej ipprovda l-proton email tiegħu u cioe' 5n0w8all@protonmail.com. Il-venditur tah il-code bħala 'Marie Curie' sabiex jindikaha fuq il-protonmail. Ix-xerrej għall-ewwel indikalu l-code Alpha pero' imbaghad skuza ruhu u kitiblu Marie Curie. Il-venditur rega staqsieh ghat-tul u l-piz tal-persuna bix-xerrej tramite' l-email tiegħu tal-protonmail jgħidlu li bejn 50 u 60 kg u bejn wieħed u ieħor 175cm tul u li hu ragel. Il-bejjiegħ talbu fejn irid jibgħat il-pakkett ġewwa Malta u cioe' biex jindikalu city u mhux l-address kollu halli jikkalkula l-pustagg. Qallu wkoll li d-doza jpoggiha gol-ikel jew xorb u wara gimghatejn il-persuna tmut u li dak hu s-sabih tal-Polonium 210. Qallu wkoll li jrid gimgha sakemm jippreparah u li kien ser jibgħatlu l-instructions meta jagħmel l-ordni. Ix-xerrej tramite' l-protonmail tiegħu wiegbu li hu lest meta l-bejjiegħ ikun lest u biex izomm f'mohhu li Malta zghira u l-importanti li jibgħat mill-Unjoni Ewropeja, bil-venditur iwiegbu li malli jkollu l-ordni mhallsa jieħu gimgha sabiex jipprepara kollox. Ix-xerrej wiegbu li haseb li għandu kollox lest u staqsieh jekk jibghatx il-UK. Il-venditur qallu li kien ra xi messagg ieħor tiegħu sabiex jindikalu jekk jibghatx l-UK remailer, pero' hu jrid li jkollu fiducja fihom fejn ser jibgħat u anqas ma jikkomplika l-affarijiet aktar ahjar. Ix-xerrej tramite' l-protonmail wiegbu li għandu habib tiegħu li jghix il-UK, u li jista' jkun klijent tajjeb fil-futur, u li hu bħala venditur ser ikollu x'jaqsam miegħu biss bħala xerrej. Qallu wkoll li kien ser jghaddilu l-pagament u staqsieh jekk ghandux 'Ricin Powder' u jekk*

*jistax jgħidlu kif għandu jagħmel.* ***Il-venditur rega' staqsieh għall-post ġewwa l-UK fejn irid li jibgħatlu l-pakkett bil-Polonium*** *u qallu wkoll li dan huwa likwidu u mhux trab. Irrimarkalu wkoll li donnu jrid jixtri ħafna affarijiet f'daqqa u li hu ma ghandux Ricin. Ix-xerrej tramite' l-protonmail* <u>*baghtlu d-dettalji f'ritratt*</u> *ta' fejn għandu jibgħatlu l-pakkett u cioe'* ***UK SLC35819, Roger Tabone, c/o EUF Group Limited, Unit 30, Kerry Avenue Purfleet, Industrial Estate, Essex RM 154YE, UK. Telephone number: 44(0)1708895450.*** *Ix-xerrej kompla jgħidlu li ahjar jibgħatlu fuq dan l-address halli* <u>*hadd ma jagħmel il-connection miegħu*</u>*, u li hu għandu esperjenza f'dawn l-affarijiet.* ***Dan l-account SLC35819*** *huwa importanti ħafna kif ser jigi indikat aktar il-quddiem fix-xhieda tieghi".*[43]

(ii) <u>*Splussiv C4 u Detonator*</u>

*"Eventwalment sar il-pagament għall-Polonium minn user 2F108X lill-bejjiegħ ghad-doza ta' Polonium 210 għall-ammont ta' 0.044458 BTC plus shipping costs ta' 0.02046 BTC. Il-venditur il-gdid f'dan il-każ kiteb lix-xerrej fuq il-protonmail u qallu li lilu hallewh fuq d-dark website Berlusconi peress li għandu good reputation u qallu wkoll li bħala xerrej irid jagħmel 'Custom Listing' sabiex "LE" ma jaghtuhomx hard time. Ix-xerrej staqsieh xi tfisser "LE", bil-venditur iwiegbu Law Enforcement. Qallu wkoll li hu* <u>*jibgħat mill-Istati Uniti għal kullimkien*</u> *basta li once li l-pakkett juri delivered, hu jirrilaxxja l-ESCROW sabiex hu l-venditur jkun jista' jithallas peress li kien ix-xerrej li għażel dan it-tip ta' shipment. Qallu wkoll li għandu Glocks, Suppresors, u C4 explosives ghall-bejgh. Fl-istess komunikazzjoni, ix-xerrej staqsa kif jistghu jaghmlu mingħajr ESCROW bix-xerrej dejjem jikkomunika tramite' l-proton email tiegħu. Il-venditur qallu li jista' jbieghlu C4 u detonator u li jista' jagħmel li jrid biha jekk inhu a serious buyer. Fl-istess komunikazzjoni,* ***ix-xerrej staqsa kemm tiswa is-C4 lesta biex tisplodi****. Il-bejjiegħ wiegbu li lesta biex tisplodi skond hu kif iridha, izda blokka wahda C4 bizzejjed u tiswa $750 plus shipping. Jekk ikun irid tnejn blokkok ta' C4 għandu l-possibilita' li jaghzel u jhallas $1500 sabiex ikun cert li tisplodi. Is-shipping jiswa $100, bix-xerrej iwiegbu li ser jiccekja u jigi lura. F'email ieħor ix-xerrej staqsa rigward il-package u qal lill-venditur sabiex ma jinsiex li jrid jidhol l-Unjoni Ewropeja u* <u>*jrid activation b'motion sensor*</u>*. Il-venditur iwiegbu li hu qatt ma jagħti dettalji ta' kif jippakkettaw l-oggett u jibghatuh u li ilhom jaghmlu dan ix-xogħol ħafna zmien, anke fl-Unjoni Ewropeja. Rigward il-motion sensor dan huwa facli ħafna u jista' jibgħatlu ir-ritratt kif għandhom ikunu sabiex ikun safe. Il-venditur baghat ukoll ritratt lill-bejjiegħ tal-ahhar ordni kbira li ghamlu ta' C4 u li rnexxilhom jiksbu. F'email ieħor ix-xerrej tramite* <u>*snowball@protonmail.com*</u> *u hawnekk l-email huwa dejjem* <u>*5n0w8all@protonmail.com*</u>*, qal lill-venditur li l-pagament ser isir din il-gimgha u japprezza jekk jesegwixxi l-ordni tiegħu bil-venditur iwiegbu lura li malli jara l-ordni tiegħu jibghatha lis-shipping team tiegħu."*

[43] Fol.157-159

*"Ix-xerrej baghat jinforma lill-venditur li l-pagament sar u sabiex jibghatulu fuq dak l-indirizz li pprovdielu. Staqsieh ukoll jekk irceviex l-address, bil-venditur iwiegeb li l-pagament ircevieh u qabbad lit-team tiegħu sabiex jirrangaw il-pakkett biex jintbaghat. Il-venditur staqsieh ukoll li once li jintbaghat jekk ikollux bzonn t-tracking number. Qallu wkoll li once li jasal jiffilmja kollox u jhallilu positive feedback. Fis-16 ta' Awwissu 2019, ix-xerrej staqsa jekk intbaghatx il-pakkett kif ukoll l-instructions kif weghdu u fakkru li kien weghdu xi ritratti wkoll. Il-venditur irrispondih li l-pakkett kien lest u kien ser jibghatulu u li l-istess pakkett kien ser jintbaghat il-gimgha d-diehla u kien ukoll ser jibgħatlu t-tracking number. Ix-xerrej wiegbu li jekk inhu kif qed jgħidlu l-venditur u cioe LEGIT ser ikollhom business relationship fit-tul. Il-venditur f'email ieħor kiteb lix-xerrej tramite' l-protonmail tiegħu u skuza ruhu ghad-dewmien biex jibgħatlu r-ritratti. Il-components kienu mwahhla mal-board minħabba t-trasport u li seta' juza biex tiehu l-bomba. Qallu li hemm* ***r-ritratt ta' Speaker PIC 1, meta ddawwar l-ispeaker PIC 2, nehhi l-viti li fir-ritratt ma jidhrux u li għandu jiftah wara u hemmhekk għandu jsib il-hidden component PIC 3, fejn ser ikollu C4 mohbi.*** *Kompla jgħidlu li din hija splussiv u li għandu joqghod attent ħafna specjalment jekk ma ghandux esperjenza f'dawn l-affarijiet (ara PIC 4).* ***Il-venditur kompla jispjegalu li f'label no 1 għandu d-detonator, dak li jisplodi lis-C4****. Dan jiġri meta jkollok zewg affarijiet, trid tixghel s-switch il-kbir #2 fir-ritratt. Dan ser jigi mibghut mitfi sabiex ma jkunx hemm periklu u ma jkun jista' jiġri xejn waqt it-trasport.* ***Il-mercury switch (motion activated) qed immarkat #3.*** *Il-venditur kompla jindikalu li meta twahhal l-isplussiv C4 ghandek tara li l-mercury switch ikun il-boghod mill-wires. Il-mument li l-package bl-isplussiv jagħmel movement u jkollok l-iswitch il-kbir mixghul issir id-detonazzjoni ghax il-mercury switch ikun resaq lejn il-wires. Qallu wkoll li inti ghandek tixghel is-switch u titlaq meta tigi biex twahhalha. Ix-xerrej wiegeb lura u qallu 'Great Job' u staqsa jekk il-PIC 4 tridx tkun go C4. Staqsa wkoll jekk tridx tkun la genba u fejn trid titwahhal. Il-venditur wiegeb li n-number 1 irid ikun go C4. No 3 huwa l-motion sensor.* ***Qallu wkoll li t-tracking tal-FEDEX għandu n-numru 898327980063****. Ix-xerrej qallu li din kienet ser titwahhal ma' karozza bil-venditur jispjegalu li l-ahjar mod li titwahhal hu b'kalamita. Meta l-karozza tinstaq, il-merkurju (motion sensor) jagħmel kuntatt u tisplodi. Il-venditur staqsieh hux qed jifhem bix-xerrej iwiegeb li issa fehmu u staqsa jekk ghamilhiex sealed minħabba l-klieb. Il-venditur kiteb lix-xerrej tramite l-protonmail tiegħu u qallu li l-flus qeghdin fl-ESCROW u jekk ix-xerrej iffinalizza u halla positive feedback u kien ser jidhol fis-sistema u jaghlaq l-ordni. Qallu wkoll li jinsab kuntent li l-pakkett wasal il-UK u li jispera li jergghu jaghmlu negozju flimkien.*

***Fid-29 ta' Awwissu 2019, ix-xerrej kiteb lill-venditur u qallu li l-ordni was found by the pigs*** *u li l-venditur kien diga jaf u li ma accetax l-ordni sabiex ma jhallilux kummenti negattivi. Qallu you are one of the pigs. Il-venditur wiegbu lura u qallu li hu kkancella l-ordni ghax hu qabel ma ntbaghtet ma tellahiex li giet shipped u li issa inti bħala xerrej qed tipprova ma thallasx. Qallu wkoll li qed ihassru minn fuq l-istore tiegħu jekk mhux ser ihallas. Qallu wkoll li kieku veru fil-UK inqabad il-pakkett din kienet tkun fuq l-ahbarijiet kollha. Ix-xerrej wiegbu lura tramite l-protonmail u*

*qallu li l-ordni l-oħra giet ikkancellata ghax ma gietx mibgħuta fil-hin. Qallu wkoll li l-pakkett ma nstabx l-UK imma fit-tieni pajjiz. L-ordni ma gietx delivered ghax nafu li l-PIGS jafu biha u għal ragunijiet ovvji hu ma accettax id-delivery. Il-venditur wiegeb lura u qallu li hu baghat il-pakkett fuq l-indirizz li qallu hu u l-istess pakkett għadda mill-iscans u wasal l-UK. Ix-xerrej wiegbu lura li hu mhux qed jistenna li jemmnu pero' hu għandu n-nies kullimkien u ser jippruvaw li johorguha, u once li dan isir jghaddilu l-flus."*[44]

*(iii). L-Splussiv interċettat f'Arizona*

Cremona jagħti aktar dettalji dwar l-operazzjonijiet li saru kemm fl-esteru kif ukoll ġewwa Malta fejn saret il-*controlled delivery. "Kmieni f'Awwissu wara li giet analizzata xi informazzjoni ghandna u anke wara d-diversi laqghat mal-AG, il-Pulizija giet awtorizzata sabiex tagħmel controlled delivery u ġie deciz ukoll li kellha ssir operazzjoni ġewwa l-Istati Uniti. Infatti fit-18 ta' Awwissu 2019, jien flimkien mall-kollega tieghi PS 212 Adrian Grima tlajna l-Istati Uniti u morna ġewwa Arizona peress li l-pakkett ġie intercettat hemmhekk. Il-pakkett ġie mibghut ġewwa Luke Airforce Base u hemmhekk inghatajna struzzjonijiet dwar health and safety. Hemmekk stess morna ġewwa l-bunker tal-EOD fejn bdiet l-operazzjoni taghna l-Pulizija Maltija. L-operazzjoni taghna kienet tikkonsisti fis-segwenti;* ***Fotografar ta' C4 maqbud, tan-9 volts battery, toggle switch, mercury switch u l-blasting cap kif ukoll tal-kaxxa tal-ispeaker.*** *Hemmekk ġie mnehhi s-C4 propja halli jitnehha l-periklu taht mizuri stretti. Dan is-C4 ġie mehud mill-espert tal-Isplussiv Senior NCO Stephen Johge* [recte Ohge] *għall-aktar stħarriġ u dan dejjem fil-presenza tieghi u ta' PS 212 Adrian Grima. Dan il-proċess ġie kollu ffotografat minni u qed nipprezenta kopja taghhom fil-proċess u kopja oħra ghad-difiza li jikkonsistu minn 34 ritratt kollha mehuda fl-20 ta' Awwissu 2019 ġewwa Luke Airforce Base 14185 Falcon St, Luke AFB, Arizona 85309, United States u qed nghaddi kopja taghhom lid-difiża.*[45] *….*

*Wara li tnehha l-isplussiv beda' l-proċess sabiex nergghu naghmlu l-ispeaker kif kien, naghlquh bil-viti u qabel inpoggu tracker ġewwa l-ispeaker. Wara li dan il-proċess ġie ffotografat ġie miktub l-address li kien indika x-xerrej, issigillajna l-kaxxa u morna fl-istess bazi sabiex il-pakkett ikun jista' jintbaghat permezz tal-Fedex fejn inghata wkoll il-**Fedex Tracking Number 8327980065** kif indikat f'wieħed mir-ritratti. Tajjeb li nghid hawnekk li f'dan l-istadju fil-pakkett ma kienx hemm C4 u lanqas electronic components, ghax ovvjament kienu tnehhew. Sussegwentement tlabna lill-awtoritajiet tal-Amerikani tramite' ir-Rogatorji fost talbiet oħra ma' pajjizi oħra sabiex jaghtuna l-IP addresses li kienu qed jillogjaw fis-sistema tal-Fedex sabiex jiccekjaw fuq dan it-tracking number **8327980065** kif ukoll sabiex jghaddulna l-informazzjoni kollha sabiex tkun tista' tintuza f'dan il-proċess legali. Sussegwentement, ahna gejna lura Malta u fit-23 ta' Awwissu 2019, ircevejt rapport kunfidenzjali iffirmat minn SNCO Stephen*

[44] Fol.159-161
[45] Fol.161-162 Vide **Dok.GC** a fol.168-200

*J. Ohge li jindika li fl-20 ta' Awwissu 2019 fuq rikjesta ta' HSI Special Agent Charles Tolias hu ezamina blokka ta' M112 composition C4 explosive charge u li magħha kien hemm 9 volts battery, connected ma' toggle switch, mercury switch u blasting cap. Hu ikkonferma wkoll li l-blokka kienet C4 u kienet vijabbli.*

*(iv). <u>Controlled Delivery f'Malta</u>*

*Issa ser nixhed fuq il-controlled delivery li saret hawn Malta meta gejt infurmat li wasal il-pakkett li ġie mibghut minna fl-20 ta' Awwissu 2019 mill-Istati Uniti. Tajjeb li wieħed li jgħid illi fuq din l-investigazzjoni infethet inkjeta Magisterjali mill-Maġistrat Dr. Joe Mifsud u li għadha ma inghalqitx peress li l-investigazzjonijiet ghadhom ghaddejjin. Hu importanti li jinghad li* ***sabiex wasalna ghall-akkuzat fir-rigward tal-IP's u l-emails ikkoncernati saret investigazzjoni teknika intensiva sabiex seta' ġie identifikat l-akkuzat, li naghraf hawn fl-Awla****. Fis-26 ta' Awwissu 2019 jiena gejt infurmat li wasal il-pakkett parti mill-controlled delivery li saret ġewwa l-Istati Uniti u ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija, jien kif ukoll tas-Surgent 212 Adrian Grima ftahna l-pakkett li kien intbaghat u meta ftahna l-ispeaker <u>nehhejna t-tracker li kien fih u ghamilna tracker ieħor</u> sabiex ikollna l-movimenti tiegħu. Wara li ghamilna dan, ippustjajt go fih C4 inert u anke circuit elettroniku li kellu l-istess funzjonijiet ta' dak misjub ġewwa l-Istati Uniti. Iffotografajt kollox u ergajna issigillajna l-kaxxa u poggejniha lura ghad-delivery li kellha ssir l-ghada u cioe' 27 ta' Awwissu 2019….. Wasal il-pakkett mill-Ingilterra hawn Malta u ircevewh l-Express Trailers. Qed nipprezenta 9 ritratti[46] li jiena hadt fis-26 ta' Awwissu 2019 ġewwa l-imhazen tal-Express Trailers ġewwa Hal-Qormi u qed nghaddi kopja taghhom lid-difiża."[47].*

*(v). <u>L-imputat assistit minn Impjegat ta' Express Trailers</u>*

Is-Supretendent jagħti rendikont ta' dak li seħħ biex il-pakkett jitqassam lil hekk imsemmi Roger Tabone, l-isem li kien ġie indikat lill-bejjiegħ! Kien fis-27 ta' Awwissu 2019 li nbeda l-proċess sabiex jiġi mqassam il-pakkett lil Roger Tabone, li kellu ***user account number*** **SLC 132891**.

Kif ser jiġi spjegat dan <u>Roger Tabone irriżulta li ma kien ħadd għajr l-imputat Jomic Calleja Maatouk</u>. Kien l-imputat li l-investigazzjonijiet wrew kien ordna w ħallas għall-splussiv C4. Gara iżda l-pakkett baqa' ma tqassamx peress li l-imputat irrifjuta d-*delivery* tiegħu wara li ntebaħ li kien ġie interċettat![48]

Fl-*email* li l-imputat bagħat lill-bejjiegħ jgħidlu daqstant:

---

[46] **Dok.GC1** a fol.201-209
[47] Fol.162-163
[48] Fol.163

> *"The order was never delievered because we know pigs know about it and for obvious reasons we will not going to pick it [sic]".*[49]

Is-Supretendent kompla jixhed dwar kif il-pulizija issuspettat li l-imputat kellu *inside help* minn xi ħaddiem mal-Express Trailers. Kien hawn li l-pulizija arrestat lil Matthew Borg, *supervisor* fuq *deliveries*, li kien ilu jaħdem ma Express Trailers għal erba' (4) snin. Borg ammetta li kien hu li kien qed jgħaddi l-informazzjoni lil Jomic Calleja, li kien tah il-mobile tiegħu bin-numru 99312236, u li l-istess **Jomic Calleja qallu li għandu jasallu pakkett fuq isem Roger Tabone u Borg kellu jinfurmah x'kien qed jiġri dwaru.**

Mill-istqarrija ġuramentata li kien taha Matthew Borg quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Neville Camilleri irriżulta li kien hu li nforma lil Calleja li kien qed jiġi segwit mill-Pulizija u **wissieh biex ma jieħux pussess tal-pakkett**.

Kif appena ntqal Jomic qal lill-bejjiegħ:

> *"The order was never delievered because **we know pigs know about it** and for obvious reasons **we will not going to pick it** [sic]".*[50]

Fl-istess ġurnata tas-27 ta' Awwissu 2019, ġew arrestati Calleja u l-*partner* tiegħu (sussegwentement martu).[51] B'hekk kien biss fid-29 t'Awissu, 2019 meta ġie rilaxxat mill-arrest li Jomic seta' jibgħat l-imsemmi *email*!

Ix-xhud Cremona kompla kif minn tfittxijiet li saru nġabru diversi *mobiles*, *ipad* u anke *computers* li, fuq ordni tal-Maġistrat Dr. Josette Demicoli, ġew mgħoddija għal aktar stħarriġ lill-espert Keith Cutajar. Peress li ħafna mill-*mobiles* kienu *locked*, ittieħdet deċiżjoni mill-istess Maġistrat sabiex dawn mill-espert ġewwa l-Istati Uniti fejn l-awtoritajiet esteri għandhom laboratorju mgħammar bl-aħħar teknoloġija sabiex issir l-*extraction* tagħhom hemmhekk. Kien għalhekk li fit-13 ta' Ottubru, 2019, Cremona flimkien mal-espert Cutajar u PS 212 Adrian Grima marru l-Amerika bil-għan li ssir l-*extraction* ta' dawk il-*mobiles* u *computers*. L-apparat baqa' fil-pussess tal-espert Cutajar u ingħataw lill-espert Amerikan Tim Losito li ġie maħtur bħala espert mill-Maġistrat Inkwirenti. Sussegwentement, l-istess espert Losito xehed quddiem il-Maġistrat Doreen Clarke fil-każ tad-droga ***Il-Pulizija vs Jomic Calleja u Marzia Maatouk*** fejn għadda lura l-*extraction* u r-rapport relattiv tiegħu.[52]

---

[49] **Dok.QK1** a fol.1; Vol.VII. *Email* tad-29 t'Awissu 2019 fil-3:36pm
[50] **Dok.QK1** a fol.1; Vol.VII. *Email* tad-29 t'Awissu 2019 fil-3:36pm
[51] Fol.163-164
[52] Fol.164

Tenut kont li fis-suq ma kienx għad hemm *software* li permezz tiegħu setgħet issir l-*extraction* fuq l-*Ipad Pro* u l-*Xiaomi,* iżda kien sar magħruf li dan seta' jkun disponibbli f' qasir żmien, l-apparat baqa' fil-kustodja tal-Maġistrat Dr. Doreen Clarke.[53] Sussegwentement l-*extraction* saret minn Keith Cutajar wara inkarigu mogħti minn din il-Qorti.

Dettalji importanti li jorbtu mal-konversazzjoni li x-xerrej kien qed ikollu mal-bejjiegħ fuq id-*dark web,* fejn semma kemm il-darba li l-*"pigs"* interċettaw il-pakkett, Cremona jagħmel riferenza għalihom fix-xiehda tiegħu.

Calleja ġie arrestat fis-27 t'Awissu 2019 u nħeles minn kustodja *police bail* fid-29 ta' Awwissu 2019 fil-10:53hrs fejn wara r-rilaxx tiegħu mill-*lockup: "Jomic Calleja kiteb lill-venditur u qallu li l-ordni was found by the pigs u li l-venditur kien diga jaf u li ma accettax l-ordni sabiex ma jhallilux kummenti negattivi. Qallu you are one of the pigs. Il-venditur wiegbu lura u qallu li hu kkancella l-ordni ghax hu qabel ma ntbaghtet ma tellahiex li giet shipped u li issa hu bħala xerrej qed jipprova ma jhallasx. Qallu wkoll li qed ihassru minn fuq l-istore tiegħu jekk mhux ser ihallas. Qallu wkoll li kieku veru fil-UK inqabad il-pakkett, din kienet tkun fuq l-ahbarijiet kollha.".*

Jiġi rilevat mill-ewwel li kif jirriżulta mill-kommunikazzjoni esibita, li ġiet mibgħuta mill-awtoritajiet ġudizzjarji Amerikani, kien propju fil-**3:10pm tad-29 t'Awissu 2019 li Jomic bagħat l-imsemmi *email*!**[54]

Punt importanti ieħor li jsemmi dan l-uffiċjal, u tajjeb jiġi mfakkar id-diskors dwar ħlas lill-bejjiegħ b'*bitcoin*, li Jomic Calleja kellu *showroom* ġewwa Triq l-Imdina, Ħal-Qormi fejn fiha kien jopera l-*bitcoin*, attività li ġiet magħluqa peress li ma kienitx liċenzjata mill-MFSA, tant li din l-istituzzjoni ippublikat avviż għall-pubbliku.[55] In kontro-eżami Cremona jikkonferma li l-arrest tal-imputat sar in konnessjoni ma reati dwar droga.[56] Ikkonferma li qabel ma saret il-*controlled delivery* il-pulizija kienu ġa jafu li l-imputat kien involut fir-rigward tat-tentattiv li jiddaħħal splussiv.[57]

**PS212 Adrian Grima** jikkorrobora ix-xiehda tas-Supretendent Cremona in kwantu għall-investigazzjoni kondotta mill-Pulizija ġewwa l-Amerika w aktar il-quddiem fil-*controlled delivery* li saret Malta.[58] Il-Pulizija Maltija marret l-

53 Ibid.
54 **Dok.QK1** a fol.2
55 Fol.165
56 Fol.1088
57 Fol.1089
58 Fol.413 et seq

Amerika wara li l-pakkett suspettuż, li ġie esibit mix-xhud[59], kien fi triqtu lejn Malta bil-posta ġie interċettat ġewwa Luke Airforce Base ġo Phoenix. **Il-pakkett kien jikkontjeni *amplifier* tad-ditta "Marshall".** Peress li kien maħsub li l-pakkett fih splussiv infetaħ ġo *bunker* tal-EOD[60] fl-istess *airforce base,* fejn l-*amplifier* ġie miftuħ u *"wara li ġie żarmat instabu stikka splussiv C-4, batterija nine volts, switch, switch ieħor tal-merkurju u kapsa, blasting cap. ... wara li tneħħa l-isplussiv, reġa' intrema l-amplifier kif kien u ġie istallat tracker biex naraw il-vjaġġ tiegħu mill-Amerika biex jasal hawn Malta. Issa, wara li ġie issiġillat kollox, fl-istess kaxxa, ġie mibgħut bil-posta fl-istess bażi tramite* ***Fedex bi tracking number 832780065.*** *F'dan il- mument la darba kien impustat ma kienx hemm l-ebda splussiv jew komponenti elettroniċi. U la darba ntbagħat, intalbu wkoll l-IP addresses ta' individwi li kienu ippruvaw jidħlu fis-sistema tal-Fed Ex biex jiċċekkjaw il-moviment ta' dan il-pakkett, għax kif tafu forsi, it-tracking ta' kull pakkett ikun illum il-ġurnata fuq il-kompjuter. Issa, aħna ġejna lura Malta fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu u s-Supretendent Cremona kien indikali li irċieva rapport kunfidenzjali mis-Senior NCO Stephen J. [Ohge]., l-istess espert tal-isplussiv li ħa l- istikka tas-C-4, li wara li kien eżaminat il-kontenut tal-amplifier, ikkonferma li l-isplussiv fil-fatt kien C-4 u kien kollox proġettat mal-iswitches u mal-kapsa,* ***kollox kien jindika li kienet bomba li tista' taħdem u tisplodi. Fis-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu tal-istess sena (2019), is-Supretendent Cremona ġie infurmat li l-istess pakkett kien wasal Malta*** *u kien qiegħed fil-maħżen tas-Ship low cost tal-Express Trailers fl-imħażen tiegħu fejn Saint Vincent De Paule. Għal ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija (~ 9.00 p.m.) tal-istess ġurnata morna fl- imħażen tas-ship low cost li hemm ħdejn ir-residenza ta' Saint Vincent De Paule u hemmhekk sibna l-istess kaxxa li aħna impustajna minn Arizona, l-istess kaxxa li qed taraw hawnhekk esebita.....Wara li ftaħna l-pakkett sibna l-istess amplifier li erġajna ftaħna, neħħejna t-tracker li għamilna l-Amerika u waħħalna tracker ġdid, frisk, l-iżjed minħabba l-battery life, għax kien ħa vjaġġ ta' xi tlett ijiem dan il-pakkett, biex inkunu nistgħu nsegwu l-pakkett hawn Malta issa minn ship low cost għall-aħħar, min ħa jirċievi l-pakkett, għax konna, bil-permess tal-Maġistrat konna ħa nagħmlu controlled delivery ta' dan il-pakkett. Issa, flimkien mat-tracker ġewwa l-amplifier, poġġejna materjal inert li jixbaħ ħafna l-istikka tas-C-4, li qiegħda preżenti fl-istess amplifier, u ċirkwit elettroniku li jixbaħ ħafna lil dak li neħħejna l-Amerika. Wara reġa' ġie issiġillat kollox u ħallejna l-kaxxa fuq l- ixkafef ġewwa l-imħażen għad-delivery li kienet se ssir l-għada, is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019). Dan il-proċess kollu ġie iffotografat għal darba oħra mis-Supretendent Cremona. Il-proċess qed nalludi għall-fatt ta' li żarmajna l-amplifier, għamilna l-materjal inert, u ċ-ċirkwit li jixbaħ lil dak li kellna l-Amerika".*[61]

---

[59] **Dok.KA108/2020** a fol.423. Kaxxa mmarkata **Dok.AG** kontenenti *amplifier* u *strip* (stikka ta' *inert material* li ntroduċiet il-pulizija għall-fini tal-*controlled delivery* li saret hawn Malta – fol.421).

[60] *Explosive Ordnance Disposal*

[61] Fol.413-415

Grima ikompli jispjega dak li seħħ: *"fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu, l-għada ta' meta morna l-imħażen tas-ship low cost bdejna l-operazzjoni ta' controlled delivery biex jitqassam dan il-pakkett lil ċertu Roger Tabone, li minn investigazzjoni li saru jirriżulta li dan kien persuna fittizja li kien juża Jomic Calleja Maatouk għal deliveries ta' diversi pakketti minn barra minn Malta. Din stajna faċilment niċċekkjawha through Express Trailers, għax dawk għandhom lista tal-pakketti kollha li irċieva dan Roger Tabone u minn dejjem irċevihom hu fejn tqassmu. Minn informazzjoni ... irriżulta li* ***x-xerrej tal-pakkett tramite l-email address 5now8all@protonmail.com kien ipprovda dawn id- dettalji biex jiġi mqassam il-pakkett: SLC35819 Roger Tabone, EUF Group Limited, Unit 30, Carry Avenue, Perfleet Industrial Estate, Essex, RN154 YE UK****, b'telephone number 4417088955450.*

*Minn iżjed investigazzjonijiet magħmula mill-kumpanija Express Trailers irriżulta li dan Roger Tabone u l-pakketti li jintbagħtu lilu kienu fil-fatt* ***jiġu irċevuti minn Jomic Calleja****. Waqt li dan il-pakkett kien qed jiġi mqassam lil Jomic Calleja dan tal-aħħar m'aċċettax id-delivery u irrifjutah. Hawnhekk bdejna nissuspettaw, bħala skwadra, li hu kellu xi informazzjoni mingħand xi ħadd minn ġewwa l-Express Trailers fuq il-controlled delivery. Ġie arrestat ċertu Matthew Borg, ID card 5891M, fejn quddiem l-Ispettur Omar Zammit hawn preżenti hu stqarr li kien hu li għadda informazzjoni lil Jomic Calleja minn fuq il-mobile tiegħu 99312236 fejn kien qal lil Jomic li wasallu pakkett fuq Roger Tabone u li kien hemm il-pulizija fuqu."*[62] Ix-xhud ikkonferma l-faxxikolu ta' ritratti[63] li ttieħdu mis-Supretendent Cremona.

Is-Surġent semma wkoll kif, fuq inkarigu li ngħatalhom mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli, inħatar l-espert Cutajar flimkien ma Tim Losito sabiex jagħmlu *extraction* minn fuq għadd ta' *devices* li ġew elevati wara tfittxijiet li segwew l-arrest tal-imputat u s-sieħba tiegħu Marzia Maatouk.[64] Lejn tmiem ix-xiehda tiegħu semma kif Calleja ma riedx jikkollabora mal-pulizija sabiex jinfetħu d-*devices* li nstabu bl-imputat jgħid lis-surġent *"il-password lanqas lil ommi ma ntiha."*[65] Ix-xogħol kollu fuq id-*devices* msemmija saru l-Amerika biex b'hekk l-espert Cutajar setgħa jikkonferma x-xogħol li sar hu wkoll.[66] In kontro-eżami jixhed li wasslu għall-Matthew Borg *by elimination* għaliex kien hu li kellu aċċess għall-*files*, għall-informazzjoni fejn jiġu mqassma pakketti minn Express Trailers kif ukoll għax ix-*schedule* kien jagħmilha hu.[67]Ikompli jispjega *"jiena l-pakkett partikolari li hawn fil-każ niftakru sew għax kont parti jien, però meta iċċekkjajna fuq il-manifest tal-Express Trailers kien hemm iżjed minn pakkett wieħed, package wieħed, li ġej minn barra fuq Roger Tabone. ....tista' tikkonkludi li dawn il-*

[62] Fol.416
[63] **Dok.GC** a fol.201-209
[64] Fol.417
[65] Fol.419
[66] Fol.420
[67] Fol.1108

*pakketti kienu għall-istess persuna ....Il-controlled delivery kienet saret minn filgħaxija ta' qabel il- ġurnata tal-arrest, għax aħna konna morna l-imħażen tal- Express Trailers, għamilna tracking device fil-pakkett, imbagħad l-għada filgħodu konna bdejna kmieni u mal-ħarġa tal-ħaddiema tal-Express Trailers konna segwejna l-pakkett through shadowing.".*[68]

**L-Ispettur Omar Zammit,** uffiċjal investigattiv ieħor, ikkonferma id-dettalji mogħtija mill-kollegi tiegħu rigward kif kien servizz barrani għadda informazzjoni lill-pulizija Maltija li kienu ġew interċettati tentattivi sabiex jiġi introdott f'Malta Polonium-210, Ricin u Fentanyl kif ukoll splussiv C4 li kellu jinxtara minn fuq id-*dark web*. Din il-kommunikazzjoni baqgħet tiġi *monitored* mill-imsemmi servizz li kompla jaġġorna lill-awtoritajiet investigattivi Maltin.[69] Jispeċifika d-dettalji li rċevew minn kollegi esteri liema dettalji li sussegwentement wassluhom għall-imputat.

Hu propju hawn fejn din l-informazzjoni, bħal kull informazzjoni oħra li tasal b'mod kunfidenzjali għand il-pulizija li kemm il-darba sservi ta' *tip off*, **tissarraf f'għodda essenzjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità.**

Il-Qorti tissottolineja minn issa li hu propju għalhekk li jeżistu trattati, arranġamenti u konvenzjonijiet dwar assistenza legali li tagħhom Malta hija firmatarja! Kien propju it-tħaddim ta' dawn l-arranġamenti li wasslu sabiex tinkiseb id-data w informazzjoni tant rilevanti permezz tar-risposti li ntbagħtu mill-awtoritajiet ġudizzjarji Amerikani, **Dok.AGUSZ**,[70] mir-Renju Unit u dawk Spanjoli.

Zammit jiddeskrivi kif *"Ix-xerrej tramite dejjem l-istess protonmail informa lill-bejjiegħ biex iżomm f'moħħu li Malta żgħira u l-importanti li jintbagħat mill-EU. Staqsih ukoll jekk jibgħatx lejn l-Ingilterra. Il-bejjiegħ staqsih għal post ġewwa l-Ingilterrra fejn ried li jibagħtlu l-pakkett u nhar id-disgħa (9) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019) ix-xerrej tramite dak l-istess prontonmail, snowball@protonmail.com indikat qabel bagħtlu file bl-isem FullSizeRender.jpg li fih kien hemm ritratt ta' fejn għandu jintbagħtlu l-pakkett u cioé UK, SLC35819 Roger Tabone, care of EUF Group Limited, Unit 30, Kerry Avenue, Purfleet Industrial Estate, Essex, RM154 YE, u hemm telephone number ukoll. Ix-xerrej jindika lill-bejjiegħ biex ma jinkwetax għax jibgħat ħafna pakketti hemm u fuq dak l-indirizz. "ħa jiggwadanjaw it-tnejn li huma." Hekk kien qal ix-xerrej tramite dawn il-komunikazzjonijiet għax hu, għax hemmhekk dak l-indirizz huwa safer; biex nikkwota eżatt il-kliem eżatt kien: **"That is a mail forward facility. Like that it will lost track on both of us."** Ix- xerrej kien qallu wkoll li jekk xi ħadd jinsisti biex jinagħtlu xi ħaġa diretta ma jagħtix kasha għax tista' tkun*

[68] Fol.1110-1111
[69] Fol.424
[70] Fol.820

*trappola. Huwa esperjenza din il-ħaġa, ix-xerrej qed jgħid lill-bejjiegħ, u kien fortunat li ma nqabadx. Nhar l-għaxra (10) ta' Lulju, l-għada, il-bejjiegħ informa lix-xerrej li hu ma jiddiljax f'raisin [ricin] jew powdered poison. Il-komunikazzjoni kienet waqfet għal ftit ġimgħat imma fit-tletin (30) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019) ix-xerrej tramite l-istess protonmail reġa' staqsa lix-xerrej (sic), "What you have for sale? From where you send? Do you sent to mailing forwarding address? Do you have poisons?" Il-bejjiegħ hemmhekk reġa' infurmah li kien diġà qallu li jixxippja fejn irid u poison m'għandux imma għandu armi u splussiv kif ukoll C4. Ix-xerrej tramite l-istess protonmail jgħidlu, "Great!" u jsaqsih jekk C4 tintagħtax armata b'motion detonator ready to use u jekk għandux ukoll ittri bombi. Kien hemm diversi komunikazzjoni oħra li x-xerrej staqsa kemm tiswa s-C-4, kif jattiva l-motion sensor, bix-xerrej jfakkar lill-bejjiegħ li din trid tidħol fl-Unjoni Ewropea."*[71]

Jitfakkar li dawn il-komunikazzjonijiet huma lkoll stampati mis-CD **Dok.AGUSZ** u mmarkati bħala **Dok.QK**, u partikularment **Dok.QK1**.[72]

L-ispettur Zammit kompla jispjega kif il-pakketti li kellhom jiġu mqassma lil Jomic kienu tnejn (2), wieħed indirizzat fuq Simona Cremona u l-ieħor fuq Roger Tabone.[73] Hu għalhekk li fir-ritratti li ġew murija lil Matthew Borg fil-kors tat-teħid tal-istqarrija ġuramentata jidhru **żewġ pakketti**. Esebixxa ċertifikat taż-żwieġ tal-imputat ma Marzia Maatouk[74] u kompla jagħti aktar dettalji fuq l-apparat li ttieħed għall-*extraction* ġewwa l-Amerika wara li l-imputat irrifjuta li jipprovdi il-*passwords* peress li d-*devices* kienu *locked*.[75]

*(vi). Il-Provi li Jorbtu lil Roger Tabone ma Jomic Calleja*

**Matthew Borg** xehed li kien impjegat ma Express Trailers, azjenda li topera is-servizz ta' *couriers* Ship Low Cost, u spjega kif *driver* tagħhom, Jonathan, waqt li kien qed jagħmel *deliveries* innota li kien qed jiġi segwit minn xi ħadd u rritorna l-bażi. Borg jispjega li dawn il-kaxxi *"Kienu indirizzati għal dawk l-ismijiet imma l-persuna ta' min kienu, **kienu ta' Jomic.... kien jibghatli messaġġi fuqhom u jsaqsini fuq dawk il-kaxxi**"*. Kien laqqaw xi ħadd miegħu fejn wera interess li jġib xogħol bis-servizz tal-kumpanija li magħha kien jaħdem u kien hemm li skambjaw in-numri tat-telefon tagħhom.[76] In-numru ta' Jomic kien *saved* taħt "J" bin-numru tax-xhud ikun 99695874. Jispjega li tul iż-żmien sakemm seħħ ir-reat kienu ntbagħtu xi għaxar pakketti u dawn kienu kollha indirizzati jew

[71] Fol.426-427
[72] **Dok.CD Printout** f' Volum VII
[73] Fol429
[74] **Dok.OZ1** a fol. 437
[75] Fol.429
[76] Fol.211

f'isem Roger Tabone jew Simona Cremona.[77] Meta staqsa lill-imputat għaliex juża isem ħaddieħor, Calleja *"crossed referenced another individual out of context completely, .....that he is aware of that particular situation"* u ċioè li Borg kellu dejn miegħu.[78]

Hawn jintwera kif, b'mod mhux daqshekk diskrett jew sottili, l-imputat ma iddejjaq xejn jagħti tbeżbiża w twissija lil Borg li hu jaf affarijiet dwaru li setgħu jikkomprometuh! Inċidentalment dan sar appena Borg beda jistaqsi għaliex kienu qed jintużaw ismijiet inveritjieri u ċioè ta' **persuni fittizji meta l-klijent kien Jomic innifsu**. Dan kien messaġġ ċar u tond li kien jaf bil-passat ta' Borg. Għalhekk kien jaqbel lil Borg ma jkomplix jindaga għaliex Calleja kien juża l-ismijiet Cremona u Borg!

Borg ikompli jagħti aktar informazzjoni li turi l-involviment tal-imputat in kwantu għad-*delivery* indirizzata lil Roger Tabone. Wara li kien urieh li jaf bil-problemi ta' dejn li Borg kellu ma persuna oħra, Calleja kien rċieva xi żewġ *shipments* oħra. Tul dan iż-żmien ma tantx kien hemm kuntatt miegħu fejn b'kollox jikkalkula li ltaqa miegħu madwar ħames darbiet f'perjodu ta' 6-7 xhur. Iżda dan kollu nbiddel ġimgħatejn qabel ix-*shipment* mertu ta' dawn il-proċeduri:

*"a couple of weeks before this particular case, he had met up with me and he gave me an amount of money, he gave me 200 euros and since the first time he had mentioned that person to that date he didn't mention him again and even that particular person whom he mentioned, no longer contacted me about the money that I owed which goes back to a number of years.*

***On the day that this happened, the messages were more frequent, were more panicked, like where is it, is the delivery going to be today, tomorrow and this kind of thing...** more adamant to know if this gets stopped, where is it, when is the delivery going to be, **can you combine both packages into one address which was either the Rue D'Argens address or the Qormi address...** ..*

*Then **on the actual day, he was very panicked** that he realised that whoever was following the driver, Jonathan .....**The two boxes referring to Roger Tabone and to Simona Cremona combined to one address which were supposed to go to Qormi.** The driver found traffic and he decided to change his route, then when he changed his route he realised that somebody was following him so, Jomic was already under the impression that the delivery was going to happen first thing in the morning, so he messaged me like where is it [?]... Because we have discussed it, he had asked it before on the **signal** [meta ġie mifthiem li il-pakkett ser jitqassam l-ewwel xogħol*

[77] Fol.212-213
[78] Fol.212-213

*filghodu]... my role was a driver supervisor ..... I would plan the route .... it was going to be done the first, basically it was based in Qormi, it is only one route, it makes only logical sense that we do the first route and that is how it was designed. Obviously then it was passed eleven, 12, I don't remember the exact time but it was later in the morning for sure, so he obviously he contacted me where is it and* ***I let him know and the driver has come back because he feels like he was being followed****. He didn't tell me that he basically does not want the deliveries to be done and asked me for guidance on what to do and I told him how the service works, it is done, if you do not open the door, they are going to do a second attempt next day and then it becomes a self collection."* [79]

Għalhekk tagħmel sens l-*email* fuq ċitata fejn Calleja informa lill-bejjiegħ li ma kienx ser jaċċetta l-pakkett għaliex saru jafu li ġie interċettat mill-pulizija, u juża kelma fil-plural "**we**":

> *"The order was never delievered because* ***we know pigs know about it*** *and for obvious reasons* ***we will not going to pick it*** *[sic]".* [80]

Wara li Borg kien ġie arrestat rrilaxxa stqarrija quddiem il-Maġistrat tal-Għassa.[81] Din l-istqarrija ġuramentata tinsab esibita f'dawn l-atti.[82]Fiha hemm dettalji ħafna aktar preċiżi dwar il-konversazzjoni li Matthew Borg kellu ma Jomic Calleja u kif dan bi kliemu tah indikazzjoni ċara li hu ma kienx persuna ma min Matthew Borg kellu jiċċajta, tant li kien jaf affarijiet dwaru (dwar Borg) li jmorru lura s-snin.

Ir-rilevanza ta' l-istqarrija ta' Borg hi kbira w turi b'mod mill-aktar manifest li l-pakketti destinati għall-ismijiet ta' Simona Cremona u Roger Tabone kienu **pakketti li Calleja kellu interess dwarhom u involviment** totali fil-wassla tagħhom għandu. Għal din ir-raġuni estratti ta' dak li ġie maħluf quddiem l-Inkwirenti ser jiġi riprodott fi sħiħ:

*"Madwar 4 jew 5 xhur ilu laqqawni ma persuna li sirt naf li jismu Jomic. Dan għall-ewwel kien saqsieni diversi mistoqsijiet ta kif jaħdem is-servizz tas-ship low cost. Hu kien urieni interess biex jibda jimporta xi affarijiet bis-servizz taghna. Dak inhar ukoll jien kont tajtu n-numru tieghi cioe 99695874 u hu tani tiegħu cioe 99312236 li fil-mobile tieghi qieghed saved bħala J.* ***Wara ftit zmien kien cempilli u qalli li kellu kaxxa gejja taht l-isem Roger Tabone****. Hu kien qalli li kull ma jixtieq huwa li jien nghidlu jekk jehel ximkien jew jigix miftuh u once li jasal Malta ssir mill-ewwel d-delivery lilu cioe lil Jomic. At this point ma hsibtx hazin fuq dil haġa hlief li qalli biex ninfurmah jekk il-pakkett jehel ximkien. Wara din id-delivery huwa qalli biex niltaqghu*

---

[79] Fol.213-214

[80] **Dok.QK1** a fol.1; Vol.VII. *Email* tad-29 t'Awissu 2019 fil-3:36pm

[81] Fol.213-214

[82] **Dok.DZ.** ***PV743/2019*** a fol.388 et seq

*u f'dan il-punt kien fejn jien bdejt nahseb li il-pakketti li qieghed igib Jomic huma xi haġa suspettuza. F'din il-konversazzjoni kien semmili d-dejn li jien ghandi naghti lil persuna oħra u dan id-dejn ilu l-fuq minn erba' snin. Peress li beda jghafasni fuq id-dejn jien ddecidejt biex nkompli nghin lil Jomic f'dawn id-deliveries. Bejn wieħed u ieħor xahar ilu, Jomic kien tani mitejn euro wara wahda mid-deliveries tiegħu u rega qalli li dalwaqt kellu x-xogħol gej **f'isem Roger Tabone u anke Simona Cremona u biex navzah jekk dawn l-pakketti jehlux ximkien.***

*It-tnejn li għadda waslu dawn iz-zewg pakketti, cioe pakkett **f'isem Simona Cremona u pakkett f'isem Roger Tabone. Jomic beda jibatli naqra mhux hazin messaġġi via Signal App biex jikkonferma jekk waslux.** Jien infurmajt lil Jomic li ix-xogħol wasal u ghada ha ssir id-delivery. Jomic avzani biex jew **nghaqqadom it-tnejn hal qormi jew it-tnejn Rue D'Argens**.*

*L-ghada cioe l-bierah pjanajt r-rotot normali u l-ewwel delivery li kellu jagħmel Jonathan (li huwa driver mas-ship low cost) kellha tkun ta Jomic, iz-zewg pakketti f'Hal Qormi. Id-driver biddel ir-rotta habba traffic u gibed lejn Bkara u fdal punt induna li xi had kien qed isegwih u allura rritorna lura il-bazi. .... Waqt dan kollu Jomic kien batli messagg fuq Signal fejn qalli l-pakketti ghadom ma waslux u jien batlu lura fejn spjegajtlu li xi hadd kien qieghed isegwi d-driver u d-driver ġie lura l-bazi. .... Jomic saqsieni xinhu lahjar li jagħmel ghax ma jridx il-pakketti ghax induna li kienu l-pulizija li qeghdin isegwu lid-driver. **Jien avzajtu li l-ahjar ma jiftahx il-bieb u mbaghad fil-każ ikun hemm second attempt u jekk ma jirnexxix tigi self-collection**."*[83]

Borg iddikjara li wara li ltaqa' ma Jomic, il-persuna li magħha kellu dejn ta' xi €2,000-€3,000 qatt ma reġgħet kellmitu fuq id-dejn li kellu. Hu ċert f'dak li jgħid meta jistqarr ***"The intended recipient was Jomic ghax hu kien isaqsini fuq dawn iz-zewg accounts partikolari... Dawn iz-zewg persuni ma jezistux ghax dawn Jomic jircevihom. Dan nafu ghax fuq dawn il-pakketti hadd qatt ma talab informazzjoni hlief Jomic.".***[84]

Meta ġie muri ritratti li nstabu fuq il-mobile tiegħu li juru *parcel* indirizzat lil Simona Cremona, oriġinarjament f'indirizz ġewwa r-Renju Unit, jiddikjara li dawn **intbagħtu lil Jomic minnu stess wara li kien l-istess Jomic li talab jara l-kundizzjoni tal-pakketti.**[85] Bagħatlu wkoll ritratti minħabba t-*tape* għax tal-*customs*.[86] Iżid li kien jikkomunika ma Calleja fuq l-app *Signal*.

Riprodott in kontro-eżami jispjega, *"how the service works with ship low cost is that an individual, a client, goes onto our website they enter whatever information that they*

[83] Fol.398
[84] Fol.399
[85] Fol.399. Vide **Dok.MB2** u **Dok.MB5** a fol.402 u 405.
[86] **Dok.MB4** u **Dok.MB3** a fol. 403 u 404.

*want and they even indicate whatever they want to be what the contents of that good are so specifically I wouldn't know because if there is written arts and craft I wont know that it's a sketch book or paint because I would have an indication based on what was inputted on the website. Now when it comes to what made the indication of me to believe it was suspicious was mainly the behaviour emm and the need of something to be delivered immediately that was being shown and displayed by the defendant".*[87]

**Jonathan Attard**, driver ma Express Trailers, spjega kif kien fi triqtu b'*delivery* ta' kaxxa għal indirizz f'Ħal-Qormi u, kif isir is-soltu, beda jipprova jċempel lill-klijent li sejjer bid-*delivery* iżda l-mobile tiegħu kien mitfi. Mar ġewwa Mdina Road, Ħal-Qormi u meta staqsa għall-persuna li lilha kienet indirizzata l-kaxxa qalulu li ma kien joqgħod ħadd hemm b'dak l-isem.[88] Għalhekk mar lura l-bażi w rrapporta lil Matthew Borg li ma kienx qassam il-kaxxa. Wara beda jgħabbi aktar xogħol u reġa' ħareġ bir-rotta iżda intebaħ b'xi nies isegwuh u issuspetta li kienu pulizija pajżana[89] għaliex meta ra l-vettura timxi warajh fejn hu waqaf f'ġenb, il-vettura waqfet ukoll.[90] Raha stramba li kellu jqassam xogħol lill-ismijiet li *"dak iż-żmien ma jeżistux"*.[91] Kien Matthew Borg li tah struzzjonijiet iwassal il-kaxxa u kien lilu li nforma li kien dieħel lura l-bażi.[92] Ħadd ma tah struzzjonijiet biex iqassam l-kaxxa partikolari l-ewwel xogħol u fil-fatt beda mill-post l-aktar imbiegħed minn Ħal-Qormi peress li ltaqa ma ħafna traffiku f'Ħal-Qormi għalkemm normalment jibda mill-eqreb post.[93]

**Johann Vella**, direttur ta' Express Trailers li tipprovdi is-servizz ta' Ship Low Cost, esebixxa lista ta' 13 il-*booking* li saru mill-klijenti Roger Tabone u Simona Cremona, bl-ewwel *booking* isir f'April, 2019 u l-aħħar wieħed fil-21 t'Awissu 2019.

L-indirizz ta' Tabone hu indikat bħala 361c Mdina Road, Qormi u ieħor 363 Mdina Road, Qormi.[94] Id-dokument esibit jindika wkoll it-*tracking number, buyers contact no.* fejn l-isem ta' Simona Cremona għandu indikat l-indirizz 70, Triq D'Argens, Msida u n-numru 99607412 bil-user SLC39243. Imbagħad dak ta' **Roger Tabone bin-numru 99762643, għandu *user number SLC35819*[95] – l-*user number* msemmi mix-xerrej fl-*emails* mal-bejjiegħ** riprodotti fil-folder

[87] Fol.1153
[88] Fol.218-219
[89] Fol.220-221
[90] Fol.222
[91] Fol.221
[92] Fol.222
[93] Fol.224
[94] Fol.228. Vide **Dok.JV** a fol.232
[95] **SLC** tirrapreżenta **S**hip **L**ow **C**ost

*MLAT.zipx* fuq **Dok.AGUSZ**[96] **-** b'indirizzi f' 361c u 363 Triq Mdina, Ħal-Qormi.[97]

**Dr. Anthony Vella**, *Legal Manager, Enforcement Directorate* fi ħdan l-MFSA, spjega kif wara *intelligence* li Jomic Calleja w entita tiegħu possibbilment kienu qed jagħmlu *trading* f'*bitcoin* minn *website* ***Bitcoin and Autotrader*** b'indirizz 361 Mdina Road, Qormi, indunaw li dawn is-servizzi kienu jaqgħu taħt il-***Virtual Financial Assets Act.***[98]Minn riċerki fuq *social media* telgħa isem ta' ċertu Jomic Grech bl-imsemmi indirizz fi Mdina Road, Qormi, fuq *facebook profile* fejn jirrizulta li dan **Grech mhu ħadd għajr għal Jomic Calleja, l-imputat**[99]**.** Is-sit elettroniku *bitcoinauotrader.com* ukoll rriżulta reġistrat fuq l-istess indirizz. Iżid *"Finalment l-MFSA iddecidiet illi hadet deċiżjoni li bazikament l-isem li jidher fuq is-sit elettroniku Bitcoin and Autotrader huwa l-istess persuna, Jomic Grech huwa l-istess Jomic Calleja allura qalet li Jomic Calleja liema huwa maghruf bħala Grech u li huwa jidher is-sid tal-Bitcoin and Autotrader li għandha presenza elettronika Bitcoinautotrader.co, llum il-ġurnata dan is-sit elettroniku ma ghandux online jigifieri ma ghadux jista' jinstab online. Qalet illi* ***din l-entita' ma hijiex awtorizzata mill-MFSA u lanqas hija registrata bħala kumpanija fil-Malta Business Registry****."*[100]

Id-dokumentazzjoni esibita fir-rigward ta' *Bitcoin & Autotrader* turi ritratt tal-imputat fejn ismu hu indikat bħala Jomic Grech, bi Grech ikun kunjom il-missier naturali tiegħu, u l-**indirizz hu dak li anke jidher fid-*delivery address* għal Roger Tabone, esibita minn Johan Vella ta' Express Trailers/Ship Low Cost** (**Dok.JV** a fol.232)![101]

L-istess jingħad għal *profile* tiegħu fuq *Facebook* fejn m'hemmx dubbju li Jomic Grech għandu wiċċ l-imputat Jomic Calleja bl-indirizz għal *Bitcoin & Autotrade*r tkun l-indirizz imsemmi u fejn in-numru tat-*telephone* tiegħu hu indikat bħala **99312236**.[102]

> (vi). *It-Traġitt tal-Pakkett/i: Eżekuzzjoni ta' Talbiet għall-Assistenza Legali u Xhieda Barranin li serviet sabiex l-informazzjoni li rċeviet il-Pulizija tissarraf f'evidenza u fatti b'valur probatorju:*

---

[96] Fol.820
[97] **Dok.JV** fol.232
[98] Fol.266
[99] Fol.267-268
[100] Fol.268
[101] **Dok.AV** a fol.271 et seq
[102] **Dok.AV5** a fol.315 et seq

Diversi kienu dawk ix-xiehda mill-Istati Uniti li xehdu fuq l-rwol importanti tagħhom f'din l-investigazzjoni fejn irnexxilhom jinterċettaw b'suċċess l-splussiv li kien hemm tentattiv biex jiġi impurtat f'Malta.

Ġew preżentati wkoll dokumenti, senjatament mill-FedEx, li juru pass pass l-*iter* li ħa l-pakkett in kwistjoni mill-mument li saret l-ordni, l-spedizzjoni tiegħu w kif dan baqa' jiġi segwit hekk kif kien fit-triqtu lejn Malta.

Din id-dokumentazzjoni[103] flimkien ma *affidavits* li ntbagħtu fuq CD[104] u li sussegwentement ġew anke konfermati *viva voce,* intbagħtu mill-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji tal-Istati Uniti. Ġiet riċevuta wkoll dokumentazzjoni mir-Renju Unit u Spanja wara ordni ta' din il-Qorti tas-6 ta' Mejju, 2020.[105]

Ma tistax issir emfasi biżżejjed dwar id-dati li tixhed fuqhom **Betty Saylors**, minn FedEx Express, li fis-26 t'Awissu, 2019[106] ipprovdiet lil *Homeland Security Investigations* għadd ta' *records* miżmuma minn FedEx.[107] Dawn jinkludi *track logs* li jibdew mill-21 t'Awissu 2019 [108]għal pakkett li jidher li ġie *shipped* fl-20 t'Awissu 2019 bi ***tracking number*** **898327980063** (*Shipper Reference number* **8327980065).**[109]

Ix-*shipper* indikat hu William Pierce[110] b'indirizz fi Scottsdale Arizona. Id-destinatarju tal-pakkett hu dak ta' Roger Tabone f' **Unit 30 Kerry Avenue Purfleet, RM154YE**.[111] Roger Tabone jiġi indikat ukoll fil-*Commercial Invoice* fejn insibu ir-*recipient name* bħala Roger Tabone c/o EUF Group Limited,[112] kumpanija li kienet tirreklama billi tuża l-istess indirizz ta' Unit 30 Thurrock Commercial Centre, Purfleet Industrial Park, Aveley, South Ockendon Essex RM15 4YE.[113]

Dawn id-dettalji huma propju dak li jixhed dwarhom is-Supretendent Cremona meta jiddeskrivi dak li ġie infurmat minn awtoritajiet esteri bħala *intelligence*.

---

[103]Estratti minn **Dok.AGUSZ** (fol.838) ġew immarkati **Dok.OZZ** a fol.840-853 u **Dok.OZZ1** a fol.854
[104] **Dok.AGUSZ** a fol.820
[105] Fol.235
[106] Fol.840 et seq
[107] **Dok.OZZ** a fol.840
[108] Fol.842
[109] Fol.843
[110] Fol.191 u 197
[111] Fol.843-853
[112] Vide ukoll *invoice* oħra a fol.850
[113] E U F Group Ltd - South Ockendon RM15 4YE (Essex), Unit 30 Thurrock Co (kompass.com); https://gb.kompass.com/c/e-u-f-group-ltd/gb25066691/

Informazzjoni li tiġi konfermata mill-awtoritajiet ġudizzjarji Ingliżi wara talba għall-assistenza legali li ntbagħtet lilhom.

L-indirizz fir-Renju Unit kienu ssemmew fil-konversazzjoni fuq id-*dark web* bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ. Fil-fatt kien **l-imputat stess li bgħatlu stampat l-indirizz fir-Renju Unit fejn kellu jibgħat l-splussiv;** indirizz b'destinatarju ikun ċertu *"Roger Tabone"* u fejn, forsi b'nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni, **indika l-*user account number* ma ship low cost SLC35819!![114]**

Dan id-dettal spiċċa sewa ħafna lil Calleja għaliex Express Trailers, li joperaw il-*courier service* Ship Low Cost, kellhom rekords li juru li **SLC35819 kien il-user account abbinat ma id tracking number 132981 b'indirizz f' 363, Mdina Road, Qormi;** l-indirizz residenzjali u tax-*showroom* tal-imputat Jomic Calleja!

**Betty Saylors** tikkonferma *viva voce* li bagħtet din id-dokumentazzjoni kollha lill-awtoritajiet Amerikani in segwitu għat-talba ta din il-Qorti għall-assistenza legali.[115]

Fil-*Commercial Invoice* li ntbagħtet minn FedEx hemm indikat li l-*package* jikkonsisti ***f'guitar* Amplifier.**[116]Mit-*tracking log* jirrizulta li l-pakkett wasal l-Ingilterra fil-21 t'Awissu, 2019 f' 8.44pm.[117] Interessanti hu l-fatt li fl-istess *log* jiġi rimarkat li kien hemm *"Delay beyond our control"* meta l-pakkett wasal Phoenix Arizona; propju fejn tinsab Luke Air Force Base fejn il-pakkett ġie miftuħ w instab fih l-splussiv.

Irriżulta li kien hawn li l-pakkett ġie interċettat mill-awtoritajiet Amerikani kif jikkonferma **Stephen J. Ohge,** mid-Department of the Air Force, fejn jiddikjara u jikkonferma bil-ġurament tiegħu li eżaminha l-*package* u sab splussiv ġewwa Luke Air Force Base.[118] Id-dikjarazzjoni ta' Ohge tiġi konfermata meta jixhed *viva voce*.[119]

*(vii). Il-Mail Fowarding Facility fir-Renju Unit*

Tajjeb jiġi sottolinejat, li bħal ma jaf kull min juża *onward delivery addresses* fir-Renju Unit, dawn huma ġeneralment indirizzi ta' *warehouse unit/s* fejn f'dan il-każ kienet sitwata f'sit industrijali.[120] Fil-fatt, sempliċi Google *search* mill-ewwel

---

[114] **Dok.D** a fol.32 Vol.VII
[115] Fol.856-857
[116] Fol.845
[117] Fol.853
[118] **Dok.OZZ1** a fol.854
[119] *Video recording* tax-xiehda barranin kollha tinsab a dol.855
[120] https://www.google.com/search?q=purtleet+RM154ye&sxsrf=ALiCzsZf04BDk8AzBNAH0mOXF3PRjnL4eA:1672977003129&tbm=isch&source=iu&ictx=1&vet=1&fir=kpxv6JofXq0

tindika diversi huma l-istabbilimenti li jindikaw l-istess indirizz ta' dan il-post li proprjament jinsab f'Kerry Avenue f'South Ockendon, Essex fir-Renju Unit.[121] Fil-fatt wara informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet tar-Renju Unit in eżekuzzjoni ta' talba għall-assistenza legali, irriżulta li EUF Group Ltd., kienet tali stabbiliment li ma baqgħetx topera u ġiet abbandunata.[122]

Ma jridx jintesa li fil-konversazzjoni li saret riferenza għaliha meta kien qed jixhed is-Supt. George Cremona, kien issemma kif *"ix-xerrej tramite dak l-istess prontonmail, snowball@protonmail.com indikat qabel bagħtlu file bl-isem FullSizeRender.jpg li fih kien hemm ritratt ta' fejn għandu jintbagħtlu l-pakkett u cioé UK,* ***SLC35819*** *Roger Tabone, care of EUF Group Limited, Unit 30, Kerry Avenue, Purfleet Industrial Estate, Essex, RM154 YE, u hemm telephone number ukoll. Ix-xerrej jindika lill-bejjiegħ biex ma jinkwetax għax jibgħat ħafna pakketti hemm u fuq dak l-indirizz. 'ħa jiggwadanjaw it-tnejn li huma.'[123] Hekk kien qal ix- xerrej tramite dawn il-komunikazzjonijiet għax hu, għax hemmhekk dak l-indirizz huwa safer; biex nikkwota eżatt il-kliem eżatt kien: "That is a mail forward facility. Like that it will lost track on both of us.""*[124]

Dan l-iskambju hu esibit wara li ġie stampat minn **Dok.AGUSZ**[125] u mmarkat bħala **DokA**[126] u **f'Dok.QK1**[127]**:**

> *"...Do you send to a mailing foward address?"*[128] bil-bejjiegħ jinfurmah *"We custom pick and stealth each order based on what is ordered, it's size and where it is going. We have been doing this for a very long time and EU is very easy with the amount of packages coming in".*[129]
>
> *(viii) Interċettazzjoni tal-Splussiv*

United States Airforce Senior Non-Commissioned Officer **Stephen Ohge,** wara li ġie muri id-dikjarazzjoni magħmula minnu[130] jikkonfermaha bil-ġurament u

4xM%252CJuw29VNMpDvmbM%252C%252Fg%252F1tdz42h4&usg=AI4_-kScOkGXxGrMqnLE8lrFmwwPjj76xw&sa=X&ved=2ahUKEwjBoPT_hLL8AhVWi_0HHda-C5MQ_B16BAgcEAE

[121] https://suite.endole.co.uk/explorer/postcode/rm15-4ye

[122] Fol.1052

[123] **Dok.QK1** a fol.4 *"If your legit, we will have a long-term business relationship. Thanks"*

[124] Fol.426-427

[125] Fol.820

[126] **Dok. QK1** a fol.22 f' Vol.VII

[127] **Dok. QK1** Fol.1-8 Vol.VII

[128] Fol.6, **Dok. QK1** *email* tat-30 ta' Lulju fil-4:05pm. Vol.VII

[129] **Dok.QK1** a fol.5

[130] **Dok.OZZ1** a fol.854

jixhed dwar kif kien issejjaħ mill-*Office of Special Investigations* fi ħdan *Luke Airforce Base Office*, biex jeżamina *device*.[131] Jixhed is-segwenti:

*"What I found was that there were* ***multiple blocks of composition C4, M112. These are a 1.25pound blocks. They had multiple of those inside of the device, and the device seemed to be an <u>amplifier for a musical instrument</u> like a speaker box. Inside of that speaker box there was a 9 Volt power source, there was a switch and there was a mercury switch as well as a ballistic cap."****.* Ohge ikkonferma wkoll li *"I examined a suspect IED as well as a single block of military M112 composition C4 explosive charge****. The improvised device consists of a 9 volt power source connected to a toggle switch, a mercury switch and a blasting cap. The circuit was built to the toggle switch providing an arming and disarming function. Once armed, tilting or jarring of the mercury switch would close the contacts of the system and detonate the blasting cap****. The M112 charge was provided to me and the munitions personnel at Luke Airforce Base for disposal, and I attest that it was in* ***<u>fact a real explosive capable of severe blast and fragmentation hazard when used in conjunction with the device</u>****. At the request of HSI Special Agent Tolias due to the fact that this M112 composition C4 charge is a live high explosive it was returned to the munition storage area in accordance with explosives safety procedures."*[132]

Muri r-ritratti li jinsabu esibiti bħala **Dok.GC**[133] li ttieħdu mis-Supretendent Cremona, jikkonferma li dak kien il-kontenut li ġie eżaminat minnu *"that is the entire device inside of what appears to be the packing box with the backing removed from the device so that you can see the internal components."*[134] Fuq domandi in kontro-eżami ikompli jispjega *"I am in the United States Air Force.... I was just asked to come out and see exactly what pieces were in the device itself, and to ascertain whether or nor it was real explosives, and if that device could function as an IED or Improved Explosive Device.... [and concluded]* ***it had all of the main components, it had a power source, it had a functioning switch which would have been that mercury switch, and it had a blasting cap that if that balsting cap was placed in that C4 it absolutely could be used as an improvised explosive device****."*[135]

Kif ser jintwera aktar il-quddiem, ir-ritratti li ttieħdu mis-Supretendent Cremona[136] juru li dak li ġie interċettat kien propju dak li ntbagħat lil Calleja kif evidenzjat bir-ritratti li bgħatlu fil-kommunikazzjoni ta' bejniethom u li jinsab

---

[131] Fol.863
[132] Fol.864-865
[133] Fol.865. **Dok.GC** a fol.168 et seq
[134] Fol.866
[135] Fol.866-867
[136] **Dok.GC** a fol.168 et seq

bħala parti mid-dokumentazzjoni fuq Dok.AGUSZ li ġiet stampata mill-Qorti.[137]

*(ix) Apparat eletttroniku*

**Special Agent Timothy Losito,** mid-Department of Homeland Security, li kien maħtur espert mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli u sussegwentement xehed fil-proċeduri preseduti mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke, meta xehed b' *video conference* ippreżenta r-rapport tiegħu li jinsab esibit f'dawn l-atti bħala **Dok.DF,**[138] beda biex propju jikkonferma l-awtentiċità tal-imsemmi rapport:

*"As it states in my report the Maltese authorities had come to the Unites States and brought me I believe about six (6) pieces of evidence and the evidence the iphones and the Galaxy phone, they were protected by password in encryption as well as a portion of the Mac laptop. And they did not have the ability or the technology to bypass the encryption or the passwords. So the devices were brought here to the United States to our laboratory where i was able to bypass the encryption and passwords on all but one device...... There was a Keith Cutajar and there was George Cremona..... I turned over a few items to Keith and then when I had come to Malta I had turned over some items to the Court, to whoever the Magistrate was, the physical items I turned them over to the Magistrate. And then the other extractions, if I remember correctly, went to George Cremona. I I recall correctly".* Jikkonferma li xogħolu kien limitat biex jagħmel *extraction* tal-apparat.[139]

*(x) Stqarrija tal-Imputat*

Fl-istqarrija tiegħu[140] li ttieħdet permezz ta' mezzi awdjo-viżiva[141] l-imputat jiċħad li kellu email snowball@protonmail.com kif ukoll li jaf minn hu Roger Tabone u Simona Cremona,[142] li jirriżultaw **abbinati mal-indirizzi tar-residenza w negozju tiegħu** kif wrew il-provi. Saħansitra jiċħad li jaf lil Matthew Borg jew li talbu jgħaddilu *parcels* indirizzati lil ċertu Roger Tabone.[143]

Calleja jikkonferma in-numru taċ-ċellulari tiegħu bħala 99312236, ċellulari li jagħmel użu minnu hu.[144] Jinsisti li meta ġie arrestat fis-27 t' Awissu 2019 dan kien dwar pakkett li rċieva reġistrat fuq ismu fl-indirizz 361, Mdina Road,

---

[137] **Dok.QK. Dok.B** a fol.27-30. Vol.VII
[138] Fol.514-516
[139] Fol.861-862
[140] Traskritta minn Dr. Katya Vassallo u esibita bħala **Dok.KV** a fol. 982 et seq
[141] **Dok.OZ3** a fol.439
[142] Fol.483-484
[143] Fol.484
[144] Fol.486

Qormi u jsib diffikultà jiftakar irċeviex aktar pakketti mill-esteru f'dak l-indirizz[145] meta l-provi juru mod ieħor.

Għall-kuntrarju ta' dak li jistqarr, jirrizulta li fl-istess indirizz ġew riċevuti *parcels* fid-dati tat-28 ta' Mejju, 2019; [146] fil-11 ta' Ġunju 2019[147] u fit-23 t'April, 2019.[148] Imbagħad Salvat Logistica jiddikjaraw li huma *"are aware of having sent three small shipments consigned to Roger Tabone with address 361C Mdina Road Qormi during the year of 2019".*[149]

Jikkonferma almenu li fl-indirizz msemmi hemm ir-residenza tiegħu fejn jgħix mat-tfajla tiegħu w residenzi oħra kif ukoll ix-*showroom.*[150]

Ikkunsidrat,

**Il-Provi Saljenti**

Fil-fatt numerużi huma il-provi miġjuba l-quddiem li jindikaw li kien biss l-imputat u ħadd għajru li daħal f'negozju ma persuni fl-esteru sabiex f'Malta jiddaħħal l-splussiv li ġie interċettat f'operazzjoni maħduma bizzilla mill-awtoritajiet investigattivi nostrani.

Huma dawn il-provi li ser jiġu ikkunsidrati u b'mod partikolari terġa ssir riferenza għall-fatt li dak li beda bħala *intelligence* fil-kors ta' dawn il-proċeduri ġie **trasformat** f'evidenza u ċioè fi provi ammissibbli b'valur probatorju skjaċċanti. Dan meta ġew sostanzjati b'xhieda okulari b'informazzjoni diretta w personali, provi dokumentarji w provi oħra li jifformaw parti minn nisġa waħda sħiħa.

Kif ġa ntqal l-informazzjoni li xehdu dwarha Cremona u Zammit hi sostanzjata bid-dokumentazzjoni li ntbagħtet mill-awtoritajiet Amerikani fuq talba għall-assistenza legali.[151]
Għalhekk ikun utli li jsir riassunt tar-riżultanzi proċesswali:

[145] Fol.487-488
[146] Fol.978; 1000
[147] Fol.980 et seq u 1004
[148] Fol.1007 et seq u fol. 983 et seq
[149] Fol.1071
[150] Fol.489
[151] Fol.820. **Dok.AGUSZ**

1. Fl-informazzjoni li rċeviet il-Pulizija, s-Supretendent Cremona spjega kif ix-xerrej, sa minn meta kien qed jinnegozja ix-xiri tal-polonium, semma li kien ser jagħmel użu minn *re-mailing service*:

*"Ix-xerrej wiegbu li haseb li għandu kollox lest u staqsieh jekk jibghatx il-UK. Il-venditur qallu li kien ra xi messagg ieħor tiegħu sabiex jindikalu jekk jibghatx l-UK* *__remailer…__*. ***Il-venditur rega' staqsieh għall-post ġewwa l-UK fejn irid li jibgħatlu l-pakkett bil-Polonium*** *u qallu wkoll li dan huwa likwidu u mhux trab. Irrimarkalu wkoll li donnu jrid jixtri ħafna affarijiet f'daqqa u li hu ma ghandux Ricin. Ix-xerrej tramite' l-protonmail baghtlu d-dettalji f'ritratt ta' fejn għandu jibgħatlu l-pakkett u cioe'* ***UK SLC35819, Roger Tabone, c/****o EUF Group Limited, Unit 30, Kerry Avenue Purfleet, Industrial Estate, Essex RM 154YE, UK. Telephone number: 44(0)1708895450**.** Ix-xerrej kompla jgħidlu li ahjar* ***jibgħatlu fuq dan l-address halli hadd ma jagħmel il-connection miegħu,*** *u li hu għandu esperjenza f'dawn l-affarijiet.* ***Dan l-account SLC35819*** *huwa importanti ħafna kif ser jigi indikat aktar il-quddiem fix-xhieda tieghi".*[152]

2. L-ispettur Zammit jagħmel riferenza għall-fatt li f'kommunikazzjoni bejn il-venditur w ix-xerrej dan tal-aħħar jgħidlu *"That is a mail forward facility. Like that it will lost track on both of us."*[153] Dwar l-indirizz intestat fuq EUF Group Ltd, Unit 30, l-ispettur Omar Zammit jagħmel dikjarazzjoni importanti *"ahna konna gia idenifikajna lill-kumpanija Ingliza msemmija qabel EUF Group Limited tibghat il-pakketti tagħha lejn Malta lill-Express Trailers".*[154] Express Trailers topera is-servizz ta' Ship Low Cost.

Zammit ikompli: *"Infatti fit-tmintax (18) ta' Awwissu elfejn u dsatax (2019) is-Supretendent George Cremona u s-Surġent Adrian Grima marru Arizona fejn kien ġie interċettat il- pakkett. Fuq l-operazzjoni ovvjament mhux ħa noqgħod nidħol fiha għax ovvjament xehdu kemm is-surġent u kemm is-Supretendent Cremona. Fl-għoxrin (20) ta' Awwissu, il-bejjiegħ kien bagħtlu r-ritratti fejn wara li skuża ruħu għad-dewmien spjega lix-xerrej x'għandu jagħmel. Kien hemm xi komunikazzjonijiet oħra bejniethom fejn il- bejjiegħ spjegalu iktar x'irid jagħmel u kif iqabbad l-equipment. Fil- wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu x-xerrej indika l-Fed Ex tracking number lill-bejjiegħ u cioé* ***898327980063.*** *Il-bejjiegħ hawnhekk isaqsi lix-xerrej fejn biħsiebu jpoġġi din il-bomba u x-xerrej, dejjem tramite l-istess protonmail* snowball@protonmail.com *jgħidlu, __"let's say under a car."__ U l-bejjiegħ jispjegalu kif għandu jagħmel. F'dan l- istadju aħna konna __ġià identifikajna lill-kumpanija Ingliża msemmija qabel EUF Group Limited tibgħat il-pakketti tagħha lejn Malta lill- Express Trailers__."*[155]

[152] Fol.159
[153] Fol.425
[154] Fol.427
[155] Fol.427

Dak li jixhed Zammit jinsab fl-*emails* mibgħuta f' **Dok.AGUSZ:**[156]

*"Let's say under a car, ok will see later".*

Fil-kommunikazzjoni mibgħuta nhar il-21 t'Awissu, 2019 hu propju l-bejjiegħ li fil-ħin ta' 18:53 jinforma lil Calleja li:

*"Tracking looks good so I will give you that now. FedEx:* ***898327980063****".*[157]

**Dan in-numru jakkwista sinifikat kbir hekk kif jirrizulta fuq il-pakkett kif indirizzat mix-*shipper*/il-bejjiegħ.**

3. Il-kommunikazzjoni bejn Calleja u l-bejjiegħ hi riprodotta **f'Dok.QK1**. F'dik il-konversazzjoni, meta l-venditur jikkonfermalu li jista' jbiegħlu C4 u *detonator*, ix-xerrej staqsa kemm tiswa is-C4 lesta biex tisplodi (*email* tal-1 t'Awissu, 2019).[158]

4. Ir-ritratti li esebixxa Cremona, juru **l-istess apparat u komponenti li l-bejjiegħ kien oriġinarjament iffotografa w bagħat lil Calleja** meta kien qed issir in-negozju biex jinxtara u jintbagħat moħbi l-splussiv.[159]

5. Iktar mir-ritratti infushom ser jirrizulta kif dak li ġie interċettat mill-pulizija kien moħbi kif il-bejjiegħ kien ġa spjega lix-xerrej u kif **il-komponenti** kollha li ssemmew mis-Supt. Cremona bħala s-suġġett tal-kommunikazzjoni bejn ix-xerrej u l-venditur **lkoll instabu propju f'dak li ġie interċettat b'konsegwenza tal-*controlled delivery*.**

Cremona semma kif *"Il-venditur kompla jispjegalu li f'label no 1 għandu d-detonator, dak li jisplodi lis-C4. Dan jiġri meta jkollok zewg affarijiet, trid tixghel s-switch il-kbir #2 fir-ritratt. Dan ser jigi mibghut mitfi sabiex ma jkunx hemm periklu u ma jkun jista' jiġri xejn waqt it-trasport. Il-mercury switch (motion activated) qed immarkat #3. Il-venditur kompla jindikalu li meta twahhal l-isplussiv C4 ghandek tara li l-mercury switch ikun il-boghod mill-wires."*[160]

Ikompli kif il-venditur saħansitra bagħat lix-xerrej ritratti ta' kif kien ser jintbagħat l-splussiv: [161] *"l-venditur f'email ieħor kiteb lix-xerrej tramite' l-*

---

[156] Fol.820. **Dok.QK1** a fol.3. *Email* mibgħuta fil-5:00pm

[157] Fol.3 ta' **Dok.QK1**. Vol.VII

[158] Vide *email* a fol.6 ta' **Dok. QK1**. Vol.VII

[159] Vide ritratti maħruġa minn CD mibgħuta mill-awtoritajiet Amerikani **Dok.AGUSZ** a fol.820

[160] Fol.161

[161] Fol.160-161(PIC 1-PIC 4). Dawn huma konfermati bir-ritratti mibgħuta mill-Amerikani f' **Dok.AGUSZ** u senjatament **Dok.B(iv),** f' sezzjoni **Dok.QK1**. Vol.VII

*protonmail tiegħu u skuza ruhu ghad-dewmien biex jibgħatlu r-ritratti. Il-components kienu mwahhla mal-board minħabba t-trasport u li seta' juza biex tiehu l-bomba. Qallu li hemm* ***r-ritratt ta' Speaker PIC 1, meta ddawwar l-ispeaker PIC 2, nehhi l-viti li fir-ritratt ma jidhrux u li għandu jiftah wara u hemmhekk għandu jsib il-hidden component PIC 3, fejn ser ikollu <u>C4 moħbi</u>.*** *Kompla jgħidlu li din hija splussiv u li għandu joqghod attent ħafna specjalment jekk ma ghandux esperjenza f'dawn l-affarijiet (ara PIC 4) ...Ix-xerrej wiegeb lura u qallu 'Great Job' u staqsa jekk il-PIC 4 tridx tkun go C4. Staqsa wkoll jekk tridx tkun la genba u fejn trid titwahhal. Il-venditur wiegeb li n-number 1 irid ikun go C4. No 3 huwa l-motion sensor.* ***Qallu wkoll li t-tracking tal-FEDEX għandu n-numru 898327980063****. Ix-xerrej qallu li din kienet ser titwahhal ma' karozza bil-venditur jispjegalu li l-ahjar mod li titwahhal hu b'kalamita. Meta l-karozza tinstaq, il-merkurju (motion sensor) jagħmel kuntatt u tisplodi. Kif intqal aktar il-fuq ix-xerrej mill-ewwel ried jixtri C4 lesta biex tisplodi."*[162]

Din il-kommunikazzjoni tinsab riprodotta f' **Dok.QK1** fl-*emails* li ntbagħtu lil Calleja mill-bejjiegħ nhar il-<u>21 t'Awissu, 2019</u>.[163]

6. Cremona spjega kif ġewwa l-Luke AirForce Base kien hu li ffotografa l-kontenut tal-*parcel* u cioe is-C4 maqbud, <u>*9 volts battery, toggle switch, mercury switch*</u> <u>u l-*blasting cap*</u> kif ukoll tal-<u>kaxxa tal-*speaker*</u> li kien moħbi fiha l-splussiv.[164]

**PS212 Adrian Grima** jixhed li meta nfetaħ il-*parcel* irriżulta kien *amplifier* jew *speaker* tad-ditta Marshall[165] fejn il-venditur kien ġa għamel riferenza li ser jintuża *speaker*[166] biex fih jinħeba l-splussiv.

**SNO (Airforce) Stephen Ohge** stess jagħmel riferenza għal *components* li nstabu wara li l-<u>*amplifier/speaker*</u> ġie żarmat minnu: *"there were multiple blocks of composition C4, M112. These are a 1.25pound blocks. They had multiple of those inside of the device, and the device seemed to be an <u>amplifier for a musical instrument like a speaker box.</u> Inside of that speaker box there was a <u>9 Volt power source</u>, there was a switch and there was a mercury switch as well as a ballistic cap.....I examined a suspect IED as well as a single block of military M112 composition <u>C4 explosive charge</u>.* ***The improvised device consists of a 9 volt power source connected to a toggle switch, a mercury switch and a blasting cap.*** *The circuit was built to the toggle switch providing an arming and disarming function. Once armed, <u>tilting or jarring</u> of the mercury switch would close the contacts of the system and <u>detonate</u> the blasting*

[162] Fol.160-161
[163] **Dok. QK1** a Fol.3. Vol.VII
[164] Fol.162 Vide **Dok.GC** a fol.168-200
[165] Fol.179-180
[166] Fol.160 meta ssir riferenza għal "PIC 1 - PIC 3"

*cap. ... it was in fact* ***a real explosive capable of severe balst and fragmentation hazard when used in conjunction with the device.***"[167]

7. It-*tracking number* tal-FedEx **898327980063,** li jiġi indikat mill-bejjiegħ fl-*email* tal-21 t'Awissu 2019[168], issa jingħata forza probatorja meta issir riferenza għalih propju mir-rappreżentant tal-FedEx **Betty Saylors**.

Fil-fatt Saylors kkonfermat id-dokumenti li għaddiet l-awtoritajiet tal-Istati Uniti li jinkludu *track logs* li jibdew mill-21 t'Awissu 2019[169]għal pakkett li jidher li ġie *shipped* fl-20 t'Awissu 2019 propju bl-imsemmi ***tracking number*** **898327980063 (*Shipper Reference number* 8327980065).**[170] Ix-*shipper* indikat hu William Pierce b'indirizz fi Scottsdale Arizona, filwaqt li r-riċevitur indikat hu ċertu *"Roger Tabone"* b'indirizz indikat "**Unit 30 Kerry Avenue Purfleet fejn il-*post code* hi RM154YE"**.[171]

Ġa sar riferenza għall-fatt li kienet ser tintuża *remailer* biex ikompli jostor l-oriġini u d-destinazzjoni. Ġie żvelat li dan hu l-indirizz tal-EUF Group Ltd – indikat mix-xerrej lill-venditur bħala l-indirizz għal Roger Tabone b' ***user number SLC35819*** - li kienet toffri r-*re-mailing address service* iżda li skond informazzjoni mill-awtoritajiet ġudizzjarji tar-Renju Unit, rriżulta li ma baqgħetx topera u ġiet abbandunata.[172]

Fil-*Commercial Invoice* prodotta minn Fedex hemm indikat li l-*package* jikkonsisti ***f' Guitar Amplifier.***[173]Mit-*tracking log* jirrizulta li l-pakkett wasal l-Ingilterra fil-21 t'Awissu 2019 fit-8.44pm.[174] Jiġi mfakkar kif fil-kommunikazzjoni ta' bejn ix-xerrej u l-venditur hu rappurtat li kien ġie miftiehem li l-splussiv jinħeba fi *speaker*, propju kif instab li kien moħbi l-splussiv mertu ta' dawn il-proċeduri. Cremona semma kif minn interċettazzjonijiet bejn il-bejjiegħ u x-xerrej irriżulta li l-bejjiegħ bagħat *"r-ritratt ta' Speaker PIC 1, meta ddawwar l-ispeaker PIC 2, nehhi l-viti li fir-ritratt ma jidhrux u li għandu jiftah wara u hemmhekk għandu jsib il-hidden component PIC 3, fejn ser ikollu C4 mohbi."*[175]. Propju dak li sab Ohge u dak li jidher fir-ritratti mibgħuta mill-bejjiegħ![176]

---

[167] Fol.864-865
[168] Fol.3 ta' **Dok.QK1**, Vol.VII
[169] Fol.842
[170] Fol.843-845
[171] Fol.843-853. Vide ritratt a fol.192-194; 201 u 204
[172] Fol.1052
[173] Fol.845. Vide ritratt **Dok. B(i)** a fol.27 ta' **Dok.QK1** u fis-sezzjoni **Fedex** a fol.6 ta' Vol.VII
[174] Fol.853
[175] Fol.159-161
[176] **Dok.B(iv) ta' Dok.QK1.** Vol.VII

Din il-konversazzjoni li jagħmel riferenza għaliha Cremona hi riprodotta aktar il-quddiem fl-*email* datata l-21 t'Awissu 2019 tal-00:20.[177]

8. Cremona spjega kif ġewwa Arizona l-pakkett ingħata Fedex *tracking number* ieħor[178] biex issa jibda triqtu lejn Malta. Dan kien **Fedex Tracking Number 8327980065** kif jidher fir-ritratti esibiti tal-*parcel.* [179]

*Parcel* li bħala indirizz jindika lil ***user [account] number*** **"SLC35819 Roger Tabone".**[180]

7. Il-pakkett wasal Malta fis-26 t'Awissu 2019.[181] Ġie esibit bħala **Dok.AG; KA 108/2020**.[182]

8. Fid-29 ta' Awwissu 2019 fil-ħin ta' 3:10hrs, *"ix-xerrej kiteb lill-venditur u qallu li l-ordni was found by the pigs".*[183] Kien propju dakinhar li Jomic ġie rilaxxat fuq *police bail* u dan wara li kien ġie interċettat l-pakkett destinat lilu fejn sussegwentement ġie arrestat fis-27 t'Awissu 2019 kif jikkonferma is-Supretendent Cremona.[184] L-*email* rilevanti hi dik riprodotta f' **Dok.QK1** a fol.2.[185]

9. Wara eżekuzzjoni ta' Ordni t'Investigazzjoni Ewropew mibgħut lill-awtoritajiet Spanjoli, fejn intalbet informazzjoni mingħand Salvat Logistica S.A f'Barcelona rigward tranżazzjonijiet kummerċjali li dawn kellhom ma ċertu Roger Tabone b' ***username*** **SLC [Ship Low Cost] 35819,** kif jidher bħala *client reference*[186], irriżultaw is-segwenti fatti:

> *"SALVAT LOGISTICA SA, are agents of the Maltese compnay Express Trailers Limited, of which Roger Tabone is a client and to whom he pays the cost of services provided.*[187]
>
> *Roger Tabone places orders through the website of the company Express Trailers Limited whose computer system automatically generates the order to Salvat Logistica*

[177] **Dok.QK1** a fol.3
[178] Fol.162
[179] **Dok.GC1** a fol.201
[180] Fol.190-195; Fol.162
[181] Fol.163
[182] Fol.423
[183] Fol.161
[184] Fol.164
[185] Vol.VII. **Dok.QK1** a fol.2
[186] Fol.1002, 1005 u 1008
[187] Fol.997

*S.A., as in these cases the suppliers who carry the mechandise in Salvat logistica, is the Maltese company that sends his truck to take the merchandise".*[188]

Ma din l-informazzjoni intbagħtet dokumentazzjoni ta' tranżazzjonijiet li għamel Tabone ma Salvat Logistica S.A.[189]

(a) F'dan l-inkartament[190] jidhru diversi ordnijiet magħmulha minn ċertu Roger Tabone fejn l-indirizz indikat għad-*delivery* hu dak ta' 363 Mdina Road, Qormi: fit-28 ta' Mejju, 2019; [191] 11 ta' Ġunju 2019[192] 23 t'April, 2019.[193]

(b) Jidher l-indirizz 361c Mdina Road Qormi wkoll li hija parti mill-istess blokka fejn jgħix l-imputat u fejn għandu x-*showroom*. Rilevanti hu il-***user account number*** ma ***ship low cost (SLC)*** fejn jidher konsistentement **Ref. Cliente SLC35819[194]** li jidher fuq kull ordni indirizzata lil Roger Tabone**.**

(c) Jiġi sottolinejat li dan l-*user account number* **SLC35819** jiffigura wkoll miktub bħala parti mill-indirizz fuq il-*parcel* kontenenti **l-splussiv!**

(d) Jiġi osservat li *deliveries,* li informazzjoni dwarhom ġew mibgħuta mill-awtoritajiet Spanjoli, lkoll jiffiguraw fl-ewwel tlett *entries* fil-lista provduta minn Express Trailers li rriżultaw kienu destinati għall-indirizz li fih kien jiġġestixxi n-negozju tiegħu l-imputat u ċioè dak ta' Mdina Road, Qormi.[195]

(e) Dan jiġi kkonstatat mill-fatt li fuq l-*excel sheet* prezentata minn Vella jiffiguraw l-*order references* mibgħuta mill-awtoritajiet Spanjoli: **#132983[196]; #133888[197]** u **#128037**[198].

(f) Dejjem jirriżulta indikat ukoll l-*user account* ma *Ship Low Cost* u ċioè **SLC**[199]**35819** (a fol. 978 u 1002; 981u 1005; 984 u 1008 rispettivament).

---

[188] Fol.997-1009

[189] Fol.976 u 1000 et seq.

[190] Fol.1076

[191] Fol.978; 1000

[192] Fol.980 et seq u 1004

[193] Fol.1007 et seq u fol. 983 et seq

[194] Fol.978 ordni tat-28 ta' Mejju 2019; fol.981 ordni tat-12 ta' Ġunju 2019; fol.984 ordni tal-24 t'April, 2019;

[195] **Dok.JV** a fol.232

[196] Fol.976 u fol.1000;

[197] Fol.980 u fol.1004

[198] Fol.983 u fol.1007

[199] **SLC** tirrapreżenta **S**hip **L**ow **C**ost

*(g)* Sussegwentement in segwitu għall-istess ordni t'investigazzjoni Ewropew, f'aktar informazzjoni li ntbagħtet mill-istess awtoritajiet Spanjoli [200] intqal li Salvat Logistica *"are aware of having sent three small shipments consigned to Roger Tabone with address 361C Mdina Road Qormi during the year of 2019".*[201]

(h) Għalhekk dan Roger Tabone qed juża **l-istess *user account number*,** dak ta' **SLC[202]35819,** li skond Johan Vella minn Express Trailers/Ship Low Cost hu *user account* abbinat mal-indirizz fejn Jomic Calleja kien jiġġestixxi n-negozju tiegħu u jirrisjedi u ċioe dawk ta' 361c u 363 Triq Mdina, Ħal-Qormi.[203]

10. Johan Vella jixhed li l-*user account number* ***SLC35819*** li dan hu abbinat ma ċertu **Roger Tabone b'indirizzi f' 361c u 363 Triq Mdina, Ħal-Qormi**[204] l-indirizz tan-negozju ta' Jomic Calljea**.** Issa **SLC 35819** għandu bħala ***tracking id 132981***[205]***.*** L-istess Vella spjega li l-*password* u *client information* huma **protetti w aċċessibbli biss mill-klijent partikolari**.

11. Importantissimu hu l-fatt kif dawn iż-żewg numri jidhru fuq il-pakkett li kien destinat għal Roger Tabone bl-*arrival date* 26/08/2019 fejn l-Express Group jindikaw fuq il-kaxxa permezz ta' *label "Tabone Roger.....**SLC Ref_132981**"*[206] li jidher bħala t-*tracking id* tad—*delivery* li saret lil Tabone fl-indirizz tal-imputat f' Mdina Road, Qormi.[207] **SLC35819** hu l-*user number* li jindika lid-destinatarju Roger Tabone u li ntbagħat minn Calleja lill-bejjiegħ.[208]

Fil-fatt Vella juri kemm hi sigura s-sistema tagħhom in kwantu għas-sigurtà tal-informazzjoni tal-klijent: *"l-account jifthu l-klijent pero' jekk il-klijent kemm –il darba jitlef il-password jew jitlob ghajnuna ahna nistghu naghmlu password gdida,* ***lanqas nirritrivjaw li hemm ma nkunux nafu l-password*** *x' inhi ovvjament …. we reset the system u jirciev i notifika fuq l-email il jkun infetah l-account u mbaghad jista' jibdel il-password jerga' minn naha tieghu l-klijent"*[209]

Hawn jintwera tentattiv fjakk ieħor li jagħmel l-imputat meta fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu, bħal li kieku jipprova jfarfar fuq l-azjenda tal-*courier* li setgħet tħalli jintuża l-*account* tiegħu minn terzi w konsegwentement

---

200 **Dok.IFZ** a fol.1062 et seq
201 Fol.1071
202 **SLC**=Ship Low Cost
203 **Dok.JV** fol.232
204 **Dok.JV** fol.232
205 Ibid.
206 **DokGC1** a fol.204
207 Vide **Dok.JV** a fol.232
208 **Dok.D** a fol.32 ta' **Dok.QK1** Vol.VII
209 Fol.1173-1174

jallega li ma kienx hu li għamel dawk l-ordnijiet li tqassmu lilu inkluż l-splussiv, għaliex l-*account* tiegħu ma Express Trailers Ship Low Cost, kien ġie *mishandled* ossia *hacked!*! Ovvjament prova ta' dan sal-grad mistenni minnu ma tingiebx!

Għaldaqstant dan ix-xhud ixxejjen dak li l-imputat jissottometti fin-nota tiegħu f'punt VI. fejn jipprova jiġi emmnut li l-*courier agency* setgħet kienet hi li fil-fatt kienet qed tuża frawdolentement l-*account* tiegħu!

12. Ir-**ritratti**[210] tal-*parcel* kontenenti splussiv jkexkxu. Dak li ssemma minn Cremona bħala informazzjoni li rċieva bħala *intelligence* immaterjalizzat fl-oġġett li ġie miftuħ w l-apparat żmantellat quddiem għajnejh.[211]

Il-*komponenti* tiegħu, id-deskrizzjoni bħala *amplifier* tal-marka Marshall, id-*detonator* [212] u l-*Mercury switch*, kollha jidhru fir-ritratti tal-*parcel* li kien indirizzat fl-indirizz li l-imputat fl-istqarrija jammetti hi r-residenza tiegħu izda taħt l-isem ta' Roger Tabone li kif intqal, ma teżistix xi persuna b'isem identiku għal dak li għamel użu minnu l-imputat.

13. Meta Calleja min għalih li ħaseb li ħa ħsieb kollox, tfixkel u żelaq fuq l-iktar dettal minuri. Minn tant ismijiet li seta' juża għażel bħala *alias l-isem ta'* Roger Tabone **li nzerta ma jeżistix** fl-*Identification System* Maltija!![213] Dan tikkonfermah **Lizienn Borg** minn Identity Malta, Public Reġistry.[214] Kif jingħad**,** il-giddieb għomru qasir**!**

13. Iżda l-aktar xhud importanti, b'konoxxenza personali w preċiża dwar min kien id-destinatarju tal-*parcels* hu **Matthew Borg**. Hu Borg li bix-xiehda tiegħu jikkorrobora l-provi dokumentarji li nġabu, kif ukoll jittrasforma l-evidenza indiretta, fi provi inekwivoċi li ilkoll kemm huma jippuntaw lejn l-imputat Calleja.

(i) Borg jixhed li għalkemm il-pakketti, b'kollox xi għaxra kienu ndirizzati fuq Simona Cremona u Roger Tabone,[215] *"imma l-persuna ta' min kienu,* ***kienu ta' Jomic.... kien jibghatli messaġġi fuqhom u jsaqsini fuq dawk il-kaxxi****.*[216] Jispjega "***On the day that this happened, the messages were more frequent, were more panicked, like where is it, is the delivery going to be today, tomorrow and this kind of thing...*** *more adamant to know if this gets stopped, where is it, when is*

[210] **Dok.GC** a fol.108 et seq u Dok. **GC1** a fol.201 et seq
[211] Vide Ritratti **Dok.GC** u **GC1** a fol.168 et seq
[212] Fol.186
[213] **Dok.OZ** a fol.434-436
[214] Fol.577. **Dok.LB** a fol 579
[215] Fol.212-213
[216] Fol.211

*the delivery going to be,* ***can you combine both packages into one address which was either the Rue D'Argens address or the Qormi address...*** *Then* ***on the actual day, he was very panicked*** *that he realised that whoever was following the driver, Jonathan .....****The two boxes referring to Roger Tabone and to Simona Cremona combined to one address which were suppose to go to Qormi."***[217]

**Alan Fenech**[218] jixhed kif il-propjetà numru 70 Triq Rue D'Argens, Msida kienet mikrija lill Marzia Matouk, mart l-imputat[219] u jkompli li meta sar il-kuntratt,[220] l-imputat kien preżenti[221].

Hawn ukoll l-id moħbija tal-imputat tibqa presenza reali, l-istess bħal *showroom* reġistrata fuq missieru w il-*parcels* li kien jirċievi fl-indirizzi residenzjali tiegħu! Dan meta jitfakkar li fl-istqarrija Jomic jiċħad li jaf min jirrisjedi fl-indirizz msemmi *"Ma nafx, mhux tieghi imma.... saqsi lilha hux ma konniex ghadna miżżewġin"*[222]

(ii) Mir-ritratti li instabu fil-mobile ta' Borg jirriżultaw dawk ta' *parcels* indirizzati lil Simona Cremona fuq l-indirizz 70, Rue D' Argens, Msida[223] kif ukoll *parcel* ieħor li fuqu jidher it-*tracking* ***id 132981***[224] li kif xehed Johan Vella dan kien l-id abbinat mal-***user account*** **ta' Roger Tabone** ***SLC35819*** bl-indirizz ikun dak residenzjali tal-imputat fi Mdina Road, Qormi[225]. Jgħid dan Borg dwar dawn il-*parcels* u dwar il-'persuni' Simona Cremona u Roger Tabone:

> ***"Dawn iz-zewg persuni ma jeżistux ghax dawn Jomic jircevihom. Dan nafu ghax fuq dawn il-pakketti hadd qatt ma talab informazzjoni hlief Jomic....MB2 u MB5 juru l-pakkett ta' Simona Cremonakont mitlub minn jomic biex nibghathjomlu biex jara l-kundizzjoni tal-pakketti. MB4 u MB3 kont bghatthomlu minhabba t-tape ghax tal-customs. Jien kont inkellem lil Jomic via Signal"***[226]

Din hi t-tweġiba li tista' tingħata lill-abbli difiża meta tissottometti li ma nġabitx prova ta' komunikazzjonijiet telefoniċi bejn l-imputat u Borg. Ovvja għaliex tali prova ma nġabitx u jwieġbu Borg: Calleja kien juża *Signal,* servizz ta' kommunikazzjoni li hu *encrypted.*

---

[217] Fol.213-214?
[218] Fol.370-371
[219] Ċertifikat ta' Żwieġ **Dok.OZ1** a fol.437 datat 3 ta' Jannar 2020. Anqas minn sitt xhur wara li sar il-kuntratt ta' kera għal fond f' Rue d'Argens!
[220] **Dok. AF** a fol.374-379
[221] Fol.371
[222]Fol.489
[223] **Dok.MB2** a fol.402
[224] **Dok.MB3** a fol.403
[225] **Dok.JV** a fol.232
[226] Fol.379

Il-Qorti fehmet sew għaliex saret din l-osservazzjoni mill-imputat li tul il-proċeduri jipprova jagħti l-impressjoni li ma kellu xejn x'jaħbi, li kien lest jgħaddi lill-pulizija l-password. Fil-verità għażel li jivverbalizza li kien lest jagħti l-passwords propju meta kien jaf li il-pulizija kien irnexxielha taċċessa l-mobiles u toħroġ *extraction* tagħhom! Jitfakkar li aktar qabel matul l-investigazzjoni, wara li s-Surġent Grima talabilu, Calleja qallu .*"il-password lanqas lil ommi ma ntiha."*[227] Mill-verbal tal-20 ta' Mejju, 2020 jirrizulta li meta l-imputat offra li jagħti l-passwords, il-prosekuzzjoni kienet ġa fetħet il-mobiles![228]

Dan ixxejjen is-sottomissjoni tiegħu magħmula f'punt VII l-imputat.

- *L-iPhone tal-Imputat M806*

(iii) Iżda indubbjament hu l-mobile stess tal-imputat li jikkorrobora dak li jixhed Matthew Borg, li tant saru sforzi biex jiġi diskreditat.

Fl-*extraction* tal-Apple iPhone, mmarkat **Dok.M806**, li saret mill-espert Cutajar jirrizulta fil-hard drive **Dok.KCHD**[229] **- jirrizulta li l-imputat permezz tal-mobile bin-number 99312236** -numru li hu stess fl-istqarrija jikkonferma bħala tiegħu[230] - jibgħat **signal message lil Matthew Borg** li xehed li n-numru tiegħu hu 99695874[231] fit-8 ta' Mejju 2019 (09:59:24 UTC+2) ***"I'm inviting you to install Signal! Here is the link: https://signal.org/install/"***

Altru li dak li jixhed Borg jibqa jiġi korroborat sal-ahhar dettal u dak li jistqarr l-imputat fl-istqarrija li ma jafx min hu w lanqas qatt kellem lil Matthew Borg, jiġi żmentit u kontradett bi provi tant skjaċċanti!

(iv) Quddiem l-Inkwirenti Borg issemmi kif kien propju Jomic li "***kien cempilli u qalli li kellu kaxxa gejja taht l-isem Roger Tabone***. *Hu kien qalli li kull ma jixtieq huwa li jien nghidlu jekk jehel ximkien jew jigix miftuh u once li jasal Malta ssir mill-ewwel d-delivery lilu cioe lil Jomic. At this point ma hsibtx hazin fuq dil haġa hlief li qalli biex ninfurmah jekk il-pakkett jehel ximkien. Wara din id-delivery huwa qalli biex niltaqghu u f'dan il-punt kien fejn jien bdejt nahseb li il-pakketti li qieghed igib Jomic huma xi haġa suspettuza. F'din il-konversazzjoni kien semmili d-dejn li jien ghandi naghti lil persuna oħra u dan id-dejn ilu l-fuq minn erba' snin. Peress li beda jghafasni fuq id-dejn jien ddecidejt biex nkompli nghin lil Jomic f'dawn id-*

[227] Fol.419
[228] Fol.385
[229] Fol.926
[230] Fol.486
[231] Fol.398, per Matthew Borg: "*Dak inhar ukoll jien kont tajtu n-numru tieghi cioe 99695874....."*

*deliveries. Bejn wieħed u ieħor xahar ilu, Jomic kien tani mitejn euro wara wahda mid-deliveries tiegħu u rega* ***qalli li dalwaqt kellu x-xogħol gej f'isem Roger Tabone u anke Simona Cremona u biex navzah jekk dawn l-pakketti jehlux ximkien It-tnejn li għadda waslu dawn iz-zewg pakketti, cioe pakkett f'isem Simona Cremona u pakkett f'isem Roger Tabone. Jomic beda jibatli naqra mhux hazin messaġġi via Signal App biex jikkonferma jekk waslux. "*** [232].

14. Intqal kif l-abbli difiża tissottometti li ma nġabitx prova dwar komunikazzjonijiet bejn Borg u Calleja. Jingħad mill-ewwel li l-Qorti ma ssib l-ebda diffikultà sabiex tistrieħ fuq dak li jixhed Matthew Borg, għal darba darbtejn, inkluż u partikularment quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. L-artiklu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

> (2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar

15. Id-difiża f'punt III tan-nota minn tagħha bħal donnha tippretendi li fl-eżerċizzju ta' xogħol investigattiv li jirrigwarda kommunikazzjoni fuq *medium* bħal *dark web*, kienet meħtieġa xi awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet Maltin jew esteri.

Jintqal li bħal kull informazzjoni li persuna jidrilha li għandha tgħaddi lill-pulizija b'mod spontaneju, ma hu rikjest li jkun hemm ebda awtorizzazzjoni. Hu xogħol l-awtoritajiet investigattivi jipprevjenu reati w jassiguraw li s-sigurtà ta' pajjiż tiġi mħarsa. Dak kien il-kompitu li l-awtoritajiet tal-Istati Uniti kienu qed jiżvolġu meta interċettaw din il-kommunikazzjoni bejn il-bejjiegħ u x-xerrej.

Għaldaqstant imiss issa li dik il-kommunikazzjoni li fuq talba ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Mejju, 2020[233]intbagħtet mill-awtoritajiet ġudizzjarji Amerikani, tiġi kunsidrata. Kien propju dak li segwa biex dik l-informazzjoni, mgħoddija bħala *intelligence* lill-awtoritajiet Maltin, tiġi trasformata f'evidenza f' dawn il-proċeduri li tassumi importanza w rilevanza.

L-evidenza mibgħuta mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Stati Uniti tinsab esibita fuq CD mmarkata bħala **Dok.AGUSZ.**[234] Fiha tinsab dokumentazzjoni[235] li ntweriet lix-xhieda Amerikani fis-seduta tal-10 t'Awissu 2020 biex ġiet

232 Fol.398
233 Fol.235
234 Fol.820
235 **Dok.OZZ** a fol.840 et seq

ikkonfermata minnhom.[236] Kif ingħad fil-punti preliminari, din id-dokumentazzjoni tinsab stampata ukoll fl-aħħar tal-proċess *for ease of reference.*

*(i). L-informazzjoni minn FedEx*

Din ġiet konfermata minn **Betty Saylors**[237]liema xhud esebiet dokumentazzjoni li turi kif il-pakkett beda t-traġitt tiegħu fil-20 t' Awissu 2019 b' *Shipper Ref.* number 8327980065[238]. Dan il-pakkett jidher li ntbagħat minn ċertu William Pierce u kien destinat lil ċertu Roger Tabone c/o LUF Group Ltd, Kerry Avenue PUR II EE I I III Unit 30 Purtleet, RM154YE fil-Gran Brettanja.[239]

Il-parcel kellu *tracking number* **898327980063**, b' *ship date* tal-20 t'Awissu 2019.[240] It-*tracking number* li jindikah għall-ewwel darba l-bejjiegħ f'email tal-21 t'Awissu, 2019.[241]

*(ii). Evidenza tal-komunikazzjonijiet bejn Calleja u l-bejjiegħ.*

(a). L-evidenza li bagħatu l-awtoritajiet Amerikani tikkontjeni ir-ritratti ta kif kien ser jiġi moħbi l-splussiv go *amplifier* tad-ditta Marshall. Ritratti li juru il-*components* tal-bomba. L-istess *amplifier* u l-*components* huma dawk li sussegwentement taħt għajnejn l-awtoritajiet Maltin u dawk Amerikani, l-ittieħdu ritratti tagħhom meta il-pakkett ġie interċettat.

(b). Ir-ritratti li l-bejjiegħ bagħat lill-imputat juru eżattament dak li nstab mill-forzi tal-ordni biex wara il-materjal splussiv ġie mibdul f'materjal inert u kompla fi triqtu lejn Roger Tabone b'indirizz fuq id-dar residenzjali tal-imputat f' Ħal-Qormi!

(c). Id-dokumentazzjoni li tevidenzja l-kommunikazzjoni bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ, timmanifesta kif issawwar ir-reat kontemplat bl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali. Din ġiet immarkata kollettivament bħala **Dok QK**[242] li tikkonsisti f' **Dok.QK1,**[243] l-*email thread* primarja, supplimentata b'4 *emails*

---

[236] Fol.838.
[237] Fol.856-857
[238] Vide ukoll fol.852
[239] Fol.843
[240] Fol.852
[241] **Dok.QK1** a fol.3. Vol.VII
[242] Vol.VII
[243] Fol.1-8 f'Dok. **QK1** f Vol.VII

**Dok.1 sa Dok.4**[244], ritratti li ntbagħtu bejniethom **Dok.B**[245] sa **Dok.D**[246] u l-kommunikazzjoni fuq id-dark web Berlusconi[247] (**Dok.A**)[248].

B'hekk il-kommunikazzjoni li tinsab *saved* interament fuq **Dok.AGUSZ**[249] ġiet *downloaded* u stampata bħala *email trail*[250] abbinata ma kull kommunikazzjoni li kien hemm fejn l-messaġġ aħħari li jintbagħat isegwi l-messaġġi li preċedewh biex b'hekk ġiet assigurata l-awtenċità tal-komunikazzjonijiet diversi b'mod sħiħ w ezawrjenti.

Fil-fatt il-Qorti żammet l-aħħar set ta' *email thread* li tikkomprendi l-intera kommunikazzjoni li seħħet bejn it-28 ta' Lulju, 2019 - meta l-bejjiegħ fil-ħin ta' 15:33 jgħid lix-xerrej *"You never replied after reaching out to me on Berlusconi. I am deleting old messages, are you still interested"* (**Dok.1**[251]) - sad-29 t'Awissu, 2019 fl-4:05pm meta il-bejjiegħ jibgħat lil SnowBall jinfurmah li minħabba li l-pakkett ġie interċettat ser ikollu jieħu miżuri biex jirrimedja u jassigura li *"my packages cant be profiled by LE (law enforcement)"*.[252]

(d). Il-kommunikazzjoni li ġiet estratta mid-*Dark Web* tikkorrobora l-informazzjoni li kienet wasslet għand il-Pulizija Maltija bħala *intelligence* u li saret riferenza dettaljata għall-kontenut tagħha mill-uffiċjali Cremona, Zammit u Grima. Hija l-kommunikazzjoni intera **Dok.QK1** li tagħti l-kwadru tad-diskussjonijiet li saru bejn ix-xerrej, li rriżulta hu l-imputat, u l-bejjiegħ. Din tkopri l-komunikazzjonijiet bejn it-28 ta' Lulju u d-29 t'Awissu 2019 u magħha jiżdiedu l-erba' (4) *emails* separati msemmija (**Dok.1** sa **Dok.4**[253]**)** li huma komunikazzjonijiet li jintbagħatu mhux bħala parti mit-*thread* primarja iżda li jridu jinqraw fil-kuntest ta' dik it-*thread,* **Dok.QK1**:

- **Dok.1:** *Email* mingħand SnowBall fl-<u>10 t'Awissu 2019</u> fil-12:35**[254]**

  *"Payment done. Use that address. Thanks"*

[244] Vol.VII. Fol.9-21 ta' **Dok.QK1**
[245] Vol.VII. Fol.27-30 ta' **Dok.QK1**
[246] Vol.VII. Fol.32 ta' **Dok.QK1**
[247] https://securityaffairs.com/93603/cyber-crime/berlusconi-market-darkweb.html
[248] Vol.VII. Fol.22-26 ta' **Dok.QK1**
[249] Fol.820
[250] **Dok.QK1**, Vol.VII
[251] **Dok.QK1,** Fol.9, Vol.VII
[252] **Dok.QK1** a fol.1. Vol.VII
[253] Vol.VII. Fol.9-21 ta' **Dok.QK1**
[254] Vol.VII. Fol.9 ta' **Dok.QK1**

*Email* sussegwenti tkun dik tat-12 t'Awissu fil-3:41 fejn l-imputat isaqsi lix-xerrej *"Did you get the address"* (Vide anke **Dok.2**) [255]

Indubbjament qed issir riferenza għall-indirizz li l-imputat bagħat lill-bejjiegħ li nħarġet mill-kommunikazzjoni u ġiet stampata u mmarkata bħala **Dok.D**[256] mill-Qorti.

- **Dok.D:** L-indirizz li l-imputat jibgħat lill-bejjiegħ bil-*fowarding facility* li jagħmel riferenza għaliha kemm fl-*emails* kif ukoll fuq il-kommunikazzjoni fuq is-*site Berlusconi* (**Dok.A**). Huwa l-indirizz, ittra b'ittra, comma b'comma li ġie riprodott fuq il-*Air Waybill*[257] kif ukoll li jidher miktub fuq il-pakkett[258] kontenenti l-splussiv.

- **Dok.2:** *Email* mingħand SnowBall lix-xerrej tat-13 t'Awissu 2019 fil-5:19pm fejn jindikalu li jista' jibgħat it-*tracking* tal-pakkett fuq dak l-*email:* [259]

  *"Send it here don't worry.*
  *Please don't forget the instructions. It will be sent today"*

Fil-fatt kif jidher f' **Dok.QK1** tlett ijiem wara fis-16 t'Awissu 2019 fis-1:17pm ix-xerrej jerga jibgħat jistaqsi lill-bejjiegħ:[260]

> *"Hi. Did you send it and can you send the instructions please? You promised some pictures as well right?"*

- **Dok.3:** Il-bejjiegħ jibgħat lix-xerrej email fl-20 t'Awissu 2019 fil-10:21pm:[261]

  *"Damn, sorry I forgot the pictures"*

- **Dok.4:** *Email* mingħand SnowBall tal-21 t'Awissu 2019 fil-5:15pm:[262]

  *"Yes understood this is crazy. Hope it will arrive now. Did you seal the C-4? For dogs?"*

---

[255] Vol.VII. Fol.10 ta' **Dok.QK1**
[256] Vol.VII. Fol.32 ta' **Dok.QK1**
[257] Fol.197
[258] Fol.190, 192,193, 194
[259] Vol.VII. Fol.10 ta' **Dok.QK1**
[260] Vol.VII. Fol.4 ta' **Dok.QK1**
[261] Vol.VII. Fol.13 ta' **Dok.QK1**
[262] Vol.VII. Fol.17 ta' **Dok.QK1**

F'din l-istess kommunikazzjoni fi tlett okkażjonijiet issir riferenza għal ritratti li ntbagħtu bejn dawn iż-żewġ persuni li ġew mmarkati:

- **Dok.B(i) sa (iv):**[263] Marshall *music amplifier* li fih hemm moħbija is-C4 u l-komponenti għaliha. Tidher edizzjoni tal-gazzetta USA Today bid-data tad-19 t'Awissu 2019, lejliet il-jum meta l-pakkett ġie *shipped* kif tixhed il-FedEx *Air Waybill* (fol.197) li tindika li pakkett intbagħat minn William Pierce fl-20 t'Awissu 2019.[264]

- **Dok.C:** splussiv li minn *emails* tal-bejjiegħ intbagħtu lill-klijenti oħrajn. Dan l-splussiv C-4 fi tlett strippi jidher li ntbagħat f'xi żmien lejn il-15 ta' Mejju 2019 kif tixhed l-edizzjoni ta' dakinhar tal-gazzetta USA Today.[265]

Dan ir-ritratt hu abbinat mal-kommunikazzjoni li saret mill-bejjiegħ nhar il-5 t'Awissu, 2019 meta qal lix-xerrej:[266]

> *"This picture is from our last big order of C4 our guys was able to sneak out and get to us".*

- Il-kommunikazzjoni fuq is-site **Berlusconi** ġiet stampata w mmarkata bħala **Dok.A**[267] u tmur lura ghat-8 ta' Lulju 2019 fil-16:41[268]. Hawnhekk meta il-bejjiegħ isaqsi għal indirizz fejn jista' jikkomunika max-xerrej, fil-16:57 jgħidlu li m'għandux *public PGP key*[269] iżda jagħtih *email address* fuq id-*domain* 'protonmail.com'.[270] Hi fuq l-istess *site* li jingħadda l-pagament u fejn ix-xerrej jinfurmah *"I will send you the address soon. Thanks"* b'kommunikazzjoni mibgħuta fl-10 t'Awissu 2019 fil-12:31.[271]

---

263 Vol.VII. Fol.27-30 ta' **Dok.QK1**
264 Fol.191 u 197
265 Vol.VII. Fol.31 ta' **Dok.QK1**
266 Vol.VII. Fol.5 ta' **Dok.QK1**
267 Vol.VII. Fol.22-26 ta' **Dok.QK1**
268 **Dok.A** f' **Dok.QK1** a fol.22 Vol.VII
269 Pretty Good Privacy (PGP) is an encryption system used for both sending encrypted emails and encrypting sensitive files - public pgp key -https://securityaffairs.com/93603/cyber-crime/berlusconi-market-darkweb.html
A PGP key is a public encryption key. A PGP key can be used to sign and encrypt emails and files. When you create a PGP key, a keypair having a public key and a private key is generated; Pretty Good Prhttps://securityaffairs.com/93603/cyber-crime/berlusconi-market-darkweb.htmlivacy - Wikipedia
270 Ibid.
271 Vol.VII. Fol.25-26 ta' **Dok.QK1**

(f). Jiġi sottolinejat li hemm korrelazzjoni assoluta mal-*email* li SnowBall jibgħat lill-bejjiegħ erba' (4) minuti wara fil-12:35 pm (**Dok.1**) u jgħidlu *"Payment done, use that address. Thanks".* [272]

(g). Jiġi osservat li fil-*mail* mibgħuta mill-bejjiegħ tas-16 t'Awissu 2019 – li kien jaħbat il-Ġimgħa - jgħid lix-xerrej li l-pakkett *"it should actually be placed in the mail early next week"* (Dok.3). Irriżulta li ġie impustat fl-20 t'Awissu, 2019[273] - li kien il-jum tat-Tlieta - fil-2:45pm[274], l-istess jum li dakinhar filgħaxija fl-10:21pm jerga jikkomunika miegħu li nesa jibgħatlu ir-ritratti (Dok.3).[275]

(h). Hawn ma jistax jintesa li l-pakkett kien ġie *shipped* il-jum ta' qabel fl-20 t'Awissu 2019[276] tant li mar-ritratti li l-bejjiegħ jibgħat lix-xerrej Calleja jurih l-splussiv maġenb edizzjoni tal-USA Today tad-19 t'Awissu (**Dok.B (iv)**).[277]

(i). Dan meta kien l-imputat li kien ilu jitlob ritratti tal-splussiv kif ser jintbagħat flimkien ma struzzjonijiet kif kellha tiġi armata lesta biex tisplodi il-bomba sa mit-13 t'Awissu 2019 fil-5:19 (Dok.2):

> *"Please don't forget the instructions. It will be sent today?".*[278]

Jerga jibgħatlu fl-istess sens nhar is-16 t'Awissu 2019 fis-1:17pm

> *"Hi. Did you send it and can you send the instructions please? You promised some pictures as well right?"*[279]

Ir-ritratti li jagħmel riferenza għalihom huma dawk f' **Dok.B.**[280]

(j). Wara l-*email* tal-20 t'Awissu 2019 li ntbagħtet mill-bejjiegħ lill-imputat fl-10:21pm bil-messaġġ *"Damn, sorry i forgot the pictures"* [281] hija l-*email* tal-**21 t'Awissu 2019 tal-00:20am li takkwista sinifikat kbir**.[282]

---

272 Vol.VII. Fol.9 ta' **Dok.QK1**
273 **Dok.GC1** a fol.201 u **Dok.GC1** a fol.197. Fol.843-845, 850 u 852 li jinsab ukoll f' Vol.VII wara li **Dok.AGUSZ** ġie stampat, fis-sezzjoni **FedEx** a fol.4 -6 u 11.
274 Fol.197. Fol.850 u fol.11 f'Sezzjoni **FedEx** f' Vol.VII.
275 Vol.VII. Fol.13 ta' **Dok.QK1**
276 Fol.197. Fol.843-845, 850 u 852. Vide ukoll **Dok.AGUSZ** f' Vol.VII fis-sezzjoni FedEx a fol.4 -6 u 11.
277 Vol.VII. Fol.30 ta' **Dok. QK1**
278 Vol.VII. Fol.10 ta' **Dok.QK1**
279 Vol.VII. Fol.4 ta' **Dok.QK1**
280 Vol.VII. Fol.27-30 ta' **Dok.QK1**
281 Vol.VII. Fol.13 ta' **Dok.QK1,** Vol.VII
282 Vol.VII. **Dok. QK1**, Fol.3, Vol.VII

Propju għaliex permezz ta' din l-email, il-bejjiegħ jibgħat ir-ritratti tal-splussiv, b'istruzzjonijiet kif kellu jintuża. Jigwidah pass pass x'għandu jagħmel u ma jagħmilx. F'din il-kommunikazzjoni jibgħat erba' (4) ritratti ta' kif ġie moħbi l-splussiv. Fl-istess email issemmi il-*components* diversi li fir-ritratti mibgħuta minnu (kollettivament immarkati **Dok.B**[283]) u senjatament (**Dok.B(iv)**[284]) jidhru mmarkati "1", "2" u "3" fuq il-"*board*" (**Dok.B(iv)**[285]) li ġiet mistura gol-*speaker* li hu tad-ditta Marshall (Vide ritratti **Dok.B(i) u B(ii)**[286]):

*"Sorry for delay in pictures*[287]*. The components were attached to a board for transport and can be used when you want to set it off. First let me explain the stealth. It is the speaker in Picture 1.*[288]*Turn the speaker over and you will see Picture 2, remove the screws that are mis-sing in the pic and open up the back of it. You will see the hidden compartment in Picture 3 where your item will be hidden.*

*Now the VERY IMPORTANT PART. This is a complete Bomb......Please look closely at Picture 4.*

*Label number 1 is the detonator, this is what sets off the C4. This will only happen after two things occur. You need to turn the big switch (#2 in the photo on). This will be shipped in the off position and nothing can happen until this is switched to the other side. Now the mercury switch (motion activated as you requested) is labelled #3. This is a Mercury switch.*

*When you place the bomb you need to make sure the Mercury is AWAY from the wire and completely settled, once you flip the big switch the bomb is live. The moment the package moves the bomb WILL GO OFF when the Mercury comes into contact with the wires. Gently place the bomb where you want it or attach it using the adhesive to whatever you want. CAREFULY and SLOWLY flip the switch on and walk away........"*[289]

***M806: Apple iphone***

(k). Issa kif jirrizulta mir-rapport tal-espert Cutajar[290] u senjatament mill-*extraction* li saret fuq l-apparat li fir-rapport hu immarkat bħala **M806** l-Apple

283 Fol.27-30 ta' **Dok.QK1,** Vol.VII
284 Fol.30 ta' **Dok.QK1,** Vol.VII
285 Fol.30 ta' **Dok.QK1,** Vol.VII
286 Fol.27-28 ta' **Dok.QK1,** Vol.VII
287 **Dok.B** a fol.27-30, Vol.VII ta' **Dok.QK1**
288 **Dok.B(i)** a fol.27, Vol.VII ta' **Dok.QK1**
289 **Dok.QK1** a fol.3, Vol.VII
290 **Dok.KCR** a fol.880 et seq

Iphone[291] tal-imputat li kien juża numru **99312236, kif jikkonferma** hu stess fl-istqarrija jikkonferma bħala tiegħu[292] - fil-WEB HISTORY li tinsab *extracted* f' **Dok.KCHD** [293] anness mal-istess rapport, jirriżultaw is-segwenti fatti ta' importanza kbira li jimpingu direttament fuq il-mertu tal-imputazzjonijiet. L-IMEI ta' dan il-mobile hu 353074101270310.[294]

Fil-fatt mill-*extraction*[295] jirrizulta li diversi kienu l-okkażjonijiet li l-imputat aċċessa s-sit ta' Ship Low Cost:

1. F**it-23 t'Awissu 2019 fil-ħin tal-11:45:21 (UTC +2) xi ħadd b'** ***user account*** **SLC35819 daħal jiċċekkja l-ordni fuq s-*site* tal-*couriers* Ship Low Cost. Dan sar billi aċċessa is-sit fuq l-*url* https://www.shiplowcost.com/order-view/132981** [296] **fil-parti "Title: View Order". Ma jintesiex li *132981* hu *generated tracking id* minn Ship Low Cost kif xehed Johan Vella in rappreżentanza tal-aġenzija Express Trailers li tħaddem dan is-servizz ta' *couriers* li hu abbinat mal-indirizz tal-imputat f'363 Mdina Road Qormi.**[297]

   Iżda din ma kienitx l-unika okkażjoni għaliex l-*extraction* turi sensiela ta' okkażjonijiet fejn bil-mobile mmarkat M806 aċċeda persistentement fuq is-site ta' Ship Low Cost. Dan meta skond l-imputat ma kienx juża dan is-servizz!

   Il-Qorti ser tagħmel riferenza għad-dati fejn saru l-imputat aċċessa is-site imsemmija u l-ħinijiet rilevanti (li kollha huma UTC[298] +2). Id-data partikolari ser tinsab fil-kolonna mmarkata ***Title*** li fiha hemm ir-riferenza li hi senjalata bis-simbolu **"#" .** Fil-kolonna ta' ħdejha tinsab il-***URL*** rilevanti.

   Jiġi osservat kif qrib id-data li saret l-ordni u wara li l-pakkett ġie interċettat l-aċċessi huma aktar frekwenti. Kien propju fil-jum tas-27 ta' Awissu 2019 li l-imputat ġie arrestat:

---

291 Fol.884. M806; IMEI: 353074101270310 *"Din l-evidenza kienet PIN protected u l-analiżi saret xorta mill-espert Losito. L-esponent qiegħed jipprovdi kopja tal-informazzjoni maħruġa".*
292 Fol.486
293 Fol.926
294 Fol.884
295 Extraction Report - Apple iOS Full File system
296 Source Safari; Extraction Legacy
297 **Dok. JV** a fol.232
298 Coordinated Universal Time

| | | |
|---|---|---|
| **19/08/2019:** | #1824; 1825 | |
| **22/08/2019:** | #1190-#1195 | 23:41-23:42 hrs |
| **23/08/2019:** | #1056-#1059 1 | 9:04:02—18:24:25 |
| | #1129-#1131 | 12:05 |
| | **#1137 VIEW ORDER** | **11:45:21** |
| | #1138-#1145 | 11:43-11:44:08 |
| | #1167, #1186 | 08:24 |
| **24/08/2019:** | #947-#948 | 17:39 |
| **27/08/2019:** | #3 | 14:49:16 |
| | #39 | 14:46:10 |
| | #41-#61 | 13:39:46-11:49:39 |
| | #69-#72 | 11:49:30-11:48:59 |
| | #76-#80; #83-#87, | |
| | #91-#97 | 11:47:54- 10:27:06 |

(l). Ma jifdal ebda dubbju li dan il-pakkett li ntbagħat minn Scottsdale Arizona fl-20 t' Awissu, 2019 kien l-istess pakkett li ġie interċettat mill-forzi tal-ordni Maltin li ħadmu id f'id mal-aġenti mill-Istati Uniti.

Kienu r-ritratti li l-bejjiegħ bagħat lill-imputat/Roger Tabone li jikkonfermaw li dan hu propju l-istess pakkett li ġie interċettat u li wassal sabiex lis-splussiv jitneħħa u minfloku jitpoġġa *inert material*. L-immaġini li jidhru fis-sett ta' ritratti li ttieħdu mis-Supretendent Cremona (**Dok.GC**)[299]meta l-pakkett ġie interċettat f'Luke Air Force Base, Arizona u dawk li ntbagħtu lill-imputat mill-bejjiegħ (**Dok.B (i) sa (iv)**[300]) ma jħallu lok għal ebda dubbju li hawn si tratta tal-istess pakkett:

[299] Fol.168-209

[300] Fol.27-30 ta' **Dok.QK1,** Vol.VII

| **Dok.GC** | **DokB** |
|---|---|
| 179-181 | (i) L-*speaker* tad-ditta Marshall |
| 170-173 | (ii) il-wara tal-*speaker* |
| 176-178; 190, 194 u 197 | (iii) il-kaxxa tal-*speaker* fejn ġiet moħbija l-*board* bil-*components* |
| **174-181 u 176** | **(iv) il-board bil-*components*** |

Jiġi innotat kif is-*serial number* tal-splussiv li nstab (fol.182-184) hu l-istess numru li jidher maġenb l-edizzjoni tal-USA Today tad-19 t'Awissu, 2019 u cioe MA120041-006 (**Dok.B(iv)**)[301] L-istess jingħad għal *components* (**Dok.GC**)[302] li jidhru f' (**Dok.B(iv**)).[303]

(m) L-indirizz li jidher fuq il-kaxxa li ġiet interċettata[304] hu preċiżament dak li l-imputat xerrej bagħat lill-bejjiegħ, **Dok.D**.[305]

L-indirizz miktub fuq il-pakkett kontenenti l-splussiv jinkludi wkoll l-*user account* ta' Jomic Calleja ma *Ship Low Cost* u cioe **SLC35819**!![306]Eżatt kif Jomic Calleja kien talab li jsir meta bagħat l-indirizz lill-bejjiegħ (**Dok.D**).[307]

(n). **Dok.A** juri l-pagament li sar fuq **Berlusconi *dark web***[308] u dan skond struzzjonijiet li rċieva mingħand il-bejjiegħ via *email* tal-1 t'Awissu, 2019 fil-20:02.[309]

**Gurisprudenza**

L-imputat f'punt II jagħmel riferenza għall-fatt li l-persuna li jidher li kien il-bejjiegħ baqgħet qatt ma ġiet identifikata. Għalhekk diffiċilment jinftiehem l-argument tiegħu li l-proċess hu monk għaliex baqa ma sarx magħruf x'passi setgħu ittieħdu fil-konfront ta' din il-persuna injota.

---

301 Fol.30 ta' **Dok.QK1,** Vol.VII
302 Fol.185-186
303 Fol.30 ta' **Dok.QK1,** Vol.VII
304 **Dok.GC** a fol. 192, 193, 194 u 197
305 Fol.32 ta' **Dok.QK1,** Vol.VII
306 **Dok.GC** a fol. 192, 193, 194 u 197
307 Fol.32 ta' **Dok.QK1,** Vol.VII
308 Fol.23-24. ta' **Dok.QK1,** Vol.VII
309 Fol.5 ta' **Dok.QK1,** Vol.VII

Bid-dovut rispett dan hu għal kollox irrelevanti għaliex l-identifikazzjoni o meno tal-persuni li magħhom ikun assoċja ruħu imputat bil-għan li jsir delitt f'Malta, mhux wieħed mill-element sostantivi tar-reat.

M'hemmx dubbju li din il-persuna, kienet minn kienet, daħħlet fi trattattivi mal-imputat dwar it-transazzjoni miftehma bejniethom. Ġie assikurat kif l-splussiv kien ser jintbagħat, lil min kellu jiġi indirizzat, il-post fejn kellu jintbagħat, il-fatt li kellu jintbagħat f'*fowarding facility,* l-*id* li ngħata, il-mod kif kellu jiġi moħbi l-splussiv u l-fatt li dan intbagħat biss wara li l-imputat ħallas għalih bil-mod miftiehem (*Escrow*)[310], huma lkoll fatturi w ċirkostanzi li ma jħallu ebda dubbju li l-imputat ma kienx qed jitkellem ma xi *answering machine* jew xi *chatbot!* Dawn iċ-ċirkostanzi ġew riflessi perfettament fir-riżultanzi li jiffurmaw l-atti proċesswali.

Il-kommunikazzjoni li appena saret riferenza ampja għalija ma tħalli ebda post għal dubbji dwar jekk l-elementi sostantivi li jsawru r-reat kontemplat bl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali, ġewx sodisfatti.

Mill-provi prodotti altru jirrizulta pruvat li l-imputat assoċja ruħu ma persuna skonoxxuta bil-għan li jimporta f'Malta materjal b'mod illegali liema materjal kien unikament intiż sabiex joqtol persuna.

Fis-sentenza erudita tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Kitanchev Blagoy Zhorov Polihronov Spas Georgiev** ġie kunsidrat: [311]

> 23. Tajjeb li qabel xejn jinghad illi r-reat ipotizzat fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, dak tal-assocjazzjoni bil-ghan ta' kommissjoni ta' delitti punibbli bi prigunerija huwa differenti minn dak tal-attentat ta' reat ex artikolu 41 u tal-organizazzjoni kriminuza ex artikolu 83A tal-Kodici Kriminali u l-elementi li jikkostitwuhom. Ir-reat tal-assocjazzjoni, li huwa wiehed mill-atti preparatorji ghar-rejat konsmat jew attentat u li ghalhekk jista' jirrizulta indipendentement mill-kommissjoni tar-reat mahsub jew it-tentattiv tieghu jirrikjedi l-konkorrenza ta' tlett elementi: il-ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar; l-intenzjoni li jsir ir-reat (specifikat u mhux wiehed generiku); u pjan ta' azzjoni miftiehem. Is-sejbien ta' htija o meno jitfa' oneru gravuz fuq il-Qorti biex tinterpreta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-konkorrenza ta' dawn it-tlett elementi b'mod partikolari ghaliex ma hemmx dik il-prezunzjoni feroci kontra l-imputat bhala per ezempju fir-reat kontemplat fl-artikolu 287 tal-Kapitolu 9;
>
> 24. Fil-Kenny's OUTLINES OF CRIMINAL LAW –Ninth Ed, 1966 hemm esposizzjoni tajba hafna tat-tifsira ta' dan ir-reat:
>
> > **Pg. 101: But so far as the law of the present day is concerned the House of Lords has declared (a) that the gist of conspiracy is the agreement, whether or not the**

[310] Vide *email* tad-29 t'Awissu 2019 a fol.2 f' **Dok.QK1:** *"the Money is in escrow"*. Vol.VII

[311] Per Onor. Imħallef Dr. Giovanni Grixti; Deċiża 28 ta' Ottubru, 2021. Appell Numru 331/2019

**object is attained; and (b) that the purpose of making such agreements punishable is to prevent the commission of the substantive offence before it has even reached the stage of attempt, and (c) that is all part and parcel of the preservation of the Queen's peace within the realm.**

**Pg 431: As to the evidence admissible, the principlesa are just the same for consipracy as for other crimes. But owing to two precularities in the circumstances to which those principles are here applied, it ofern seem as if there were an unusual laxity in the modes of giving proof of an accusation of conspiracy. For (a) it rarely happens that the actual fact of the consipiring can be proved by direct evidence, since such agreements are usually entered into both swiftly and secretly. Hence they ordinarily can be proved only by an inference from the subsequent conduct of the parties, in committing some overt act which tend so obviously toward the alleged unlawful result as to suggest that they must have arisen from an agreement to bring it about. Upon each of several isolated doings a conjectural interpretation is put; and from the aggregate of these interpretations an inference is draw.**

25. Imbaghad, Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 in rigward jghid hekk:

**The essence of consipracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself .... Nothing may be done in pursuit of the agreement ...The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstance from thisn the jusry may presume it. ...Proof of the existenxe of a consipracy is generally a matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them.....**

**The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R.v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R.v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a consipiracy is generally a 'matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them: R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 1717, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317".**

26. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Frar, 2009 fl-ismiijiet **The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden** jemergi insenjament interessanti ta' kif jista' jkun pruvat dan ir-reat b'mod inferenzjali. Filwaqt illi l-Qorti abbracjat ittaghlim tal-**Archbold** citat supra ghamlet referenza ukoll ghall **Blackstone's Criminal Practice** fejn kien ritenut hekk:

**"There are no special evidential rules peculiar to consipiracy. In Murphy (1837) C C 7 P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced fromcertain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, inter alia, by direct testimony, secret recordings or confessions..."**

27. Ventilati dawn il-hsibijiet generali dwar ir-reat in disamina, jokkorri ezami tal-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

**48A.(1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel 18 delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta'assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.**

**(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.**

**(3) Kull min jinsab ħati ta' assoċjazzjoni taħt dan l-artikolu jista' jeħel il-piena għal delitt ikkunsmat li jkun l-għan talassoċjazzjoni, mnaqqsa b'żewġ gradi jew tlieta.**

**(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (3), sabiex tiġi stabbilita l-piena għar-reat sħiħ li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha li jaggravaw dak ir-reat.**

Huwa ormai palezi kif gia senjalat illi ghall-prova talassocjazzjoni, oltre dak konsiderat supra dwar l-inferenza, jehtieg il-konkorrenza ta' tlett fatturi: a) il-ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar; b) l-intenzjoni li jkun kommess rejat specifiku; u il-metodu adoperat ghall-esekuzzjoni tal-pjan. Dan kollu, imbaghad hu soggett ghad-diskussjoni dwar il-lok ta' fejn ikun sar dan il-ftehim ghaliex dan iqanqal kwistjoni ta' guridizzjoni kif ser ikun diskuss aktar 'l isfel;
.........

32............l-allegata assocjazzjoni jehtieg li tkun saret f'Malta. Din hija kwistjoni ta' gurisdizzjoni fejn il-ligi tippunixxi assocjazzjoni maghmula fuq artna u mhux f'barra mix-xtut taghna. Dak li l-ligi tittanta tipprevjeni huma assocjazzjonijiet ghal-skopijiet kriminali maghmula f'Malta. Issa jekk l-assocjazzjoni tkun sehhet barra minn pajjizna u l-assocjati jaslu Malta biex iwettqu dak li ftehmu l-artikolu 48A ma jistghax ikun imgebbed b'mod li wiehed jargumenta illi l-wasla f'Malta tal-assocjati tista' titqies bhala xi forma ta' novazzjoni bhalma jokkorri fil-kamp civili. Dak li jsehh f'Malta mall-wasla tal-assocjati fil-pajjiz huwa mbaghad soggett ghall-provvedimenti ohra tal-ligi fosthom dawk dwar pussess ta' oggetti, l-attentat u l-kommissjoni tar-reat;

33. L-aspett ta' gurisdizzjoni komponenti dan ir-reat gia kien ezaminat u deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza gia citata Il-Pulizija vs Fabio Zulian tat-12 ta' Mejju 2015 citat ukoll mill-appellati. F'dak il-kaz intqal illi *"Mic-cirkostanzi tal-kaz jidher illi tali pjan tfassal barra minn Malta. L-appellanti u l-komplici gew Malta sabiex iwettqu dak il ftehim. Kwindi ma setax jinstab hati skond l-artikolu 48A imsemmi".*

Fuq dan it-tagħlim il-Qorti tqis l-elementi kollha tar-reat kontemplat bl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali huma lkoll sodisfatti. Jiżdied il-fatt li l-importazzjoni mingħajr liċenzja ta' splussiv waħedha hi reat punibbli bi priġunerija. **Jerome Attard Flores** mill-Uffiċju tal-Armi tal-Pulizija jixhed li ma kien hemm ebda liċenzja fuq l-imputat jew applikazzjoni tiegħu biex jimporta splussiv.[312]

Dan biex ma jingħad xejn dwar ir-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna u dak ta' ħsara volontarja ġaladarba il-kommunikazzjoni tindika li dan l-splussiv kien intiż biex jitpoġġa ma vettura. Għaldaqstant hu sodisfatt l-element stipulat bl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali li r-reat li hu l-għan tal-assoċjazzjoni hu

[312] Fol.367

punibbli bi priġunerija. L-elementi kollha sabiex treġġi l-ewwel imputazzjoni għalhekk huma sodisfatti.

Daqstant ieħor jirrizulta ampjament ippruvata t-tieni imputazzjoni, dik ta' tentattiv sabiex jdaħħal f'Malta porvli tal-isparar jew esploživi oħra, mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

II. Falsifikazzjoni u Użu ta' Dokument falz: Imputazzjonijiet Numru Tlieta u Erba'

Diversi kienu x-xiehda li taw id-depożizzjoni tagħhom rigward ix-*showroom* ta' Mdina Road. **Domenic Bonnici**, wieħed mis-sidien, għaraf lill-imputat bħala l-persuna li kien daħal f'kirja miegħu tax-*showroom* fi Mdina Road liema skrittura ġiet esibita minnu.[313] Jgħid li proprjament hu kriha lil missier Jomic, ċertu Carmel Grech u dan skond dak li qallu l-istess Jomic.[314] Riprodott jiddikjara li l-ħlas għall-kera tax-*showroom* kien jirċievih mingħand l-imputat.[315] Is-sid l-ieħor, **Raymond Muscat,** ikkonferma li l-ftehim sar mal-imputat[316] li kien hu li dejjem għamel pagamenti.[317] Kemm Bonnici kif ukoll Muscat ikkonfermaw il-firem tagħhom fuq l-iskrittura li hi datata it-12 ta' Jannar 2018.

**Carmel Grech** li stqarr li hu l-missier naturali tal-imputat[318] xehed li n-numru taċ-ċellulari tiegħu hu 99454909 iżda kien iħallas mobile reġistrat mal-Vodafone li kien juża Jomic għax il-kont kien joħroġ fuq ismu.[319] Muri id-dokument tal-kirja[320] tax-*showroom* fi Mdina Room li iġib ismu, bla tlaqliq jiddikjara li mhux il-firma tiegħu dik li tidher f'isem Carmel Grech u li lanqas biss kien preżenti meta saret dik l-skrittura.[321] Ġieli mar jaħsel il-post peress li kien mikri lill-ibnu u meta ibnu *"Ghax kien hemm it-tifel"*, ma baqax jagħmel użu xi tmien xhur qabel minnu intalab jiżgombra.[322] Itenni *"Ma nafx jiena min iffirma ghalija"*.[323] In kontro-eżami Grech hu ferm aktar elokwenti meta jinsisti li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma ħlasijiet jew il-kirja tax-*showroom "darba ġie s-sid fuqi u qalli trid ittini tant flus ghidtlu ta' xiex? Qalli ghax inti ffirmajt li ix- xowroom. Ghidtlu jien*

---

[313] **Dok. DB** a fol.362
[314] Fol.359
[315] Fol.1090
[316] Fol.363-364
[317] Fol.1092
[318] Fol.1147
[319] Fol.583-584
[320] **Dok.DB** a fol.362
[321] Fol.584
[322] Fol.585
[323] Fol.586

*iffirmajtlek? Ghidtlu ara x'inti tghid ta jien maffirmajtlek xejn u baqa' jghidli li ffirmajt. Ghidtlu urini l- firma tieghi qalli le ma rridx nurhielek ghidtlu allura kif nista' nkun naf li jien iffirmajtlek".*[324]

Fuq inkarigu mogħti lilu, Joseph Mallia, wara eżami komparattiv bejn il-firem tal-imputat fuq dikjarazzjoni tar-rifjut għall-parir legali u dik li tidher fuq l-skrittura tal-kirja[325]ma kampjuni tal-kalligrafija tal-imputat u Carmel Grech, ppreżenta r-rapport tiegħu fejn sab li *"Il-kalligrafija tal-imputat taqbel ma dik il-firma li hemm C.Grech"*[326] u cioe li din saret mhux minn Grech iżda minn Jomic Calleja *"Mill-kalligrafija ta' kif jikteb l-imputat"*.[327]

Madanakollu kif sewwa jissottometti l-abbli difensur, ġaladarba Grech u Bonnici jixhdu li għaddew id-dokument iffirmat minnhom lill-imputat fit-18 ta' Jannar, 2018 u kien biss wara li dan ġabulhom lura ffirmat lest, l-imputazzjonijiet kif miġjuba qatt ma jistgħu iwasslu sabiex tinstab ħtija fl-imputat u dan peress li neċessarjament il-falsifikazzjoni w l-użu ta' dokument falsifikat seħħet xi żmien wara u mhux qabel it-18 ta' Jannar, 2018.

Għaldaqstant din il-Qorti qatt ma tista' ssib ħtija fl-imputat dwar dawn l-imputazzjonijiet.

III. Reċidiva: Il-Ħames Imputazzjoni

Ġiet esibita sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat mill-Prim Imħallef Dr. Silvio Camilleri datata it-8 ta' Mejju, 2015[328] li permezz tagħha ingħata piena ta' priġunerija għal sena.

Tenut kont li l-imputazzjonijiet li dwarhom qed tinstab ħtija twettqu fis-sena 2019 u x-xhur ta' qabel, l-imputat qed jinstab ħati tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

IV. Ksur ta' Kundizzjonijiet dwar Ħelsien mill-Arrest: Is-Sitt Imputazzjoni

L-Ispettur Omar Zammit esebixxa wkoll żewġ digrieti dwar kundizzjonijiet fuq ħelsien mill-arrest mogħtija fil-konfront tal-imputat fi proċeduri separati li

---

324 Fol.1148
325 **Dok.DB** a fol.362
326 Fol.677. Rapport **Dok.JMZ** a fol.681 et seq
327 Fol.679
328 **Dok.OZ4** a fol.440 et seq

għadhom pendenti. Fil-fatt **Is-Supretendent Victor Aquilina**[329] u l-**Ispettur Herman Mula,** [330] l-uffiċjali prosekuturi fiż-żewġ proċedimenti separati msemmija jikkonfermaw li l-kundizzjonijiet għadhom *in vigore.* **Alexia Attard**, Deputat Reġistratur toffri konferma tal-fatt li l-proċeduri għadhom pendenti kif daqstant ieħor huma *in vigore* il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest msemmija.[331] Dan il-fatt ġie wkoll konfermat ukoll mill-abbli difiża fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2020.[332]

Dawn iż-żewġ digrieti dwar kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest ngħataw mill-Maġistrat Dr. M. Hayman fit-3 ta' Marzu, 2011[333] u ieħor fit-18 t'Ottubru, 2016 mill-Maġistrat Dr. Neville Camilleri.[334]

Għalhekk tenut kont li qed tinstab ħtija għall-għemil kommess fit-28 ta' Awwissu 2019 u fix-xhur ta' qabel, ġie daqstant ieħor pruvat li l-imputat kiser id-digrieti ta' ħelsien mill-arrest kif konċess lilu fiż-żewġ proċedimenti separati.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena il-Qorti qieset in-natura ferm gravi tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-karattru refrattarju tal-imputat tul is-snin, kif evidenzjat mill-fedina penali voluminuża tiegħu,[335] tal-fatt li tul is-snin sa minn età żgħira f'okkażjonijiet numerużi Jomic Calleja ippersista f'ħajja kriminuza b'reati ta' kull tip li messu mhux biss mal-Kodiċi Kriminali iżda ma ligijiet diversi.

Ma jistax ma jingħatax piż kbir il-fatt li sal-lum il-ġurnata il-vittma li għaliha kien intiż l-splussiv baqgħet mhux magħrufa bil-periklu li tali sitwazzjoni iġġib magħha.

M'hemmx dubbju li l-imputat hu persuna perikoluża ferm. Postu mhux fis-soċjetà; soċjetà li trid tagħmel minn kollox biex tipproteġi l-membri tagħha minn attakki kodardi w viljakki bħal ma ried iwettaq l-imputat. Li ma kienx għall-azzjoni f'waqtha w metikoluża li wettqet il-Pulizija Maltija bl-assistenza indispensabbli tal-awtoritajiet Amerikani, it-toroq tagħna kienu għal darba

[329] Fol.644
[330] Fol.668
[331] Fol.783-784 et seq
[332] Fol.590
[333] **Dok.OZX** a fol.592 et seq
[334] Fol.603 et seq
[335] **Dok.OZ1** a fol.9 et seq u fol.1184 et seq

oħra jinksew bid-dmija ta' vittma t'omiċidju fejn potenzjalment hemm ħajjiet oħrajn li b'dak l-għemil jisfaw perikolati u mqiegħda f'riskji intortament.

Il-Qorti ma tistax ma tagħtix piż lill-fatt li l-imputat għandu l-vjolenza tiġri f'demmu. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo** ġie kunsidrat:[336]

> Fil-verità l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun ġie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop ieħor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[337]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi għal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tiegħu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz tagħha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[338]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero għażel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha dan xi ttenni fil-proċeduri **Il-Pulizija vs Josef Camilleri:**[339]

> Illi umbaghad, kif anki ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -
>
> *"… bħala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika* " (sottoliear ta' din il-Qorti)

336 Per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14 ta' Frar, 2013; Kump. Nru.711/2008
337 **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28 ta' Novembru, 2006.
338 **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22 ta' Settembru, 2009.
339 Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007. Appell Nru. 268/2007

u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

L-iskop tal-piena w kif din għandha tiġi bilanċjata mal-interessi tal-imputat ġiet ikkunsidrata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Johan Sultana Mark Dimech ... omissis .... .** Dik il-Qorti wara li ċitat mis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** mogħtija fit-28 ta' Novembru 2006, tenniet:[340]

M'hemmx dubju illi l-appellant inghata bosta opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma ruhu, inkluz conditional discharge għal sitt darbiet, probation għal hames darbiet u sentenza sospiza għal tliet darbiet u darba giet estiza. Ghalhekk il-fatt li kellu 22 sena meta wettaq ir-reati in kwistjoni mhix xi raguni biex ikun hemm temperament fil-piena. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant ghad irid ikompli jizviluppa l-kapacita` li jghix fis-socjeta` minghajr ma jkun ta' minaccja għal dik is-socjeta`

Minn naħa tagħha l-Qorti Kriminali fis-sentenza fuq Ġuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Victor Pace** qalet:[341]

Dan it-tip ta' agir li, fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li "l-vjolenza ghandha, bħala regola generali, dejjem iggib magħha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" w li "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni." (Ap. Krim. Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi [15-12-2005] u ohrajn). Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f'dawn il-kazijiet m'ghandix tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza imma wahda effettiva w immedjata.

Fis-sewwa jingħad li l-għemil tal-imputat Calleja hu ferm aktar gravi minn dak li jġorr arma. Calleja huwa **arma letali fih innifsu**, lest biex hekk kif tippreżenta l-opportunita adatta, juża l-kuntatti tiegħu biex jiskatena kaos u distruzzjoni w jiftaħ bibien l-infern fuq min jidhirlu li hu t'inkonvenjent u għandu jiġi eliminat.

Issir riferenza għall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha I**l-Pulizija vs Anthony Cassar et**:[342]

Illi l-piena erogata trid tkun tali illi taghmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u c-cirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bħala:

---

[340] Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna; Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007; Appell Kriminali Numru. 166/2006

[341] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża fil-25 ta' Jannar, 2006; Att t' Akkuża Nru. 27/2003

[342] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Deċiża fit-3 ta' Lulju, 2020; Appell Numru: 113/2014

**(a) the punishment of offenders**
**(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)**
**(c) the reform and rehabilitation of offenders**
**(d) the protection of the public**
**(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.**

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jagħti dik il-piena li ghandha isservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li tagħti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jagħmel reparazzjoni għal hazin li jkun ghamel.

Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tiegħu, The Problem of Punishment, fis-sens li –

**' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'**

**Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**

**'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**

**Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**

**'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino]".**

Finalment il-Qorti ser tiċċita silta meħuda minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn il-Qorti kienet qed tikkunsidra l- *principles of sentencing*:[343]

Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jieħu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` għal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,… Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:

**"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts**

[343] Per S.T.O. Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiża fit-13 ta' Novembru, 2009; Appell Nru. 328/09

**do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion.**" [Emfazi ta' dik il-Qorti]

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulha, dmir din il-Qorti hu ċar. Il-Qorti hi obbligata tqis l-impatt li reati simili mwettqa b'tant ħażen w malizzja jħallu fuq il-membri tas-soċjetà; soċjetà li trid tiġi protetta minn persuni ferm perikolużi bħal ma hu l-imputat u dan billi l-istess imputat jiġi inkarċerat mhux biss bl-isperanza li dan iż-żmien tal-inkarċerazzjoni iservi għar-riabilitazzjoni tiegħu iżda biex għall-inqas għal perjodu ta' żmien is-soċjetà tista' tieħu nifs u tħossha protetta mit-tentakoli infernali tal-imputat.

Finalment dwar il-piena l-Qorti qieset li l-ewwel imputazzjoni, dik tal-assoċjazzjoni, serviet bħala mezz ai fini għat-tieni imputazzjoni. Inkwantu għaż-żewġ imputazzjonijiet dwar ksur ta' digrieti li permezz tagħhom l-imputata ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, ser tiġi applikat d-dispożizzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Tenut kont tal-gravità tat-tieni imputazzjoni, tal-fatt li sal-lum għad mhix magħrufa l-vittma intenzjonata tal-għemil kriminuz tal-imputat li baqa ma wera l-ebda rimors jew offra xi forma ta kollaborazzjoni biex tali persuna tiġi skansata mill-kundanna ta' mewt li ilha destinata għaliha, a tenur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali il-piena ser titnaqqas biss bi grad. Inoltre il-piena qed tiżdied ukoll in kwantu li l-addebitu tar-reċidiva skond l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali ġie ampjament pruvat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet u r-raba imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 41(1)(a), 48A, 49, 50 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikolu Artikoli 3(1) u 27 ta' l-Ordinanza dwar l-Esplożivi, Kap.33 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah għal piena ta' **ħames (5) snin** priġunerija.

Tenut kont tal-gravità tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, liema reati twettqu fiż-żmien li l-imputat kien qed igawdi mill-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, magħdud mal-konsiderazzjonijiet ġa magħmulha, il-Qorti tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija ta' **€23,000** hekk kif indikat fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman nhar it-3 ta' Marzu, 2011[344] u l-ammont ta' **€28,000** kif indikat fid-digriet għall-ħelsien

344 Fol.592

mill-arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Neville Camilleri datat nhar it-18 t'Ottubru, 2016[345] kif varjat b'digriet tas-6 t'April, 2016.[346]

Inoltre` **tirrevoka** *contrario imperio* **d-digrieti tal-ħelsien** mill-arrest imsemmija w tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat fiż-żewġ proċedimenti.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali qegħda tordna lill-ħati jħallas l-ammont ta' **€2,827.08** rappreżentanti terz tal-ispejjeż peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

Notifika: Reġistratur tal-Qorti

[345] Fol.603
[346] Fol.615. Minn depożitu ta' ħmistax il-elf dan ġie ridott għal depożitu ta' tlett elef ewro.